

Il-Ġurnal Uffiċjali

C 172

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53
30 ta' Ġunju 2010

Avviż Nru

Werrej

Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Parlament Ewropew

2010/C 172/01

Rapport dwar il-ġesjoni baġitarja u finanzjarja – Sena finanzjarja 2009 1

MT

Prezz:
3 EUR

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

RAPPORT DWAR IL-ĠESJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

TAQSIMA I: PARLAMENT EWROPEW

SENA FINANZJARJA 2009

(2010/C 172/01)

WERREJ

	<i>Paġna</i>
INTRODUZZJONI	3
I. ĠESTJONI FINANZJARJA: ĠENERALI	3
A. Dħul	4
B. Baġit inizjali u baġits ta' emenda	4
C. Impenji u ħlasijiet	4
D. Trasferimenti mill-2009 għall-2010	4
E. Trasferimenti mill-2008 għall-2009	5
F. Approprjazzjoniet miftuħa mid-dħul allokati	5
G. Kanċellazzjonijiet	6
H. Trasferimenti	6
H.1. Trasferimenti ta' approprjazzjonijiet proviżorji maħruġa mir-riżervi (Titolu 10)	7
H.2. Trasferimenti minn sorsi oħra	9
II. ĠESTJONI FINANZJARJA SKONT IL-KAPITOLU	10
A. Kapitolu 1 0 "Membri tal-Istituzzjoni"	12
B. Kapitolu 1 2 "Uffiċjali u aġenti temporanji"	13
C. Kapitolu 1 4 "Ħaddiema oħra u servizzi esterni"	14
D. Kapitolu 1 6 "Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-Istituzzjoni"	15
E. Kapitolu 2 0 "Bini u nefqiet relatati"	15
F. Kapitolu 2 1 "Proċessar ta' dejta, tagħmir u għamara"	16
G. Kapitolu 2 3 "In-nefqa amministrattiva u kurrenti"	17
H. Kapitolu 3 0 "Laqgħat u konferenzi"	17

	<i>Paġna</i>
I. Kapitolu 3 2 “L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni”	17
J. Kapitolu 4 0 “Nefqa relatata ma’ ċerti istituzzjonijiet u ma’ ċerti korpi”	18
K. Kapitolu 4 2 “Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari”	19
L. Titolu 10 “Infiq ieħor”	19
III. OBIETTIVI 2009 U RIŻULTATI	19
A. L-elezzjonijiet Ewropej tal-2009 u l-attivitajiet ta’ Komunikazzjoni	19
B. L-implimentazzjoni tal-istatut il-ġdid tal-Membri u tal-Assistenti	20
C. Ir-riforma u l-konsolidazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament	21
D. Il-preparazzjonijiet fid-dawl tat-Trattat ta’ Lisbona	23
ANNESI	24
ANNEX I – Rendikont tat-trasferimenti “C”	24
ANNEX II – Rendikont tat-trasferimenti “P”	27
ANNEX III – Implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet 2009	28

INTRODUZZJONI

1. Dan ir-rapport janalizza l-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2009. Jiddeskrivi l-użu tar-riżorsi finanzjarji kif ukoll l-avvenimenti li kellhom influwenza sinifikanti fuq l-attivitajiet tas-sena finanzjarja (il-partijiet I u II) u jesponi b'mod sintetiku r-riżultati li nkisbu fre-lazzjoni mal-oġġettivi assenjati għas-sena 2009 (il-parti III).
2. Ir-rapport ġie abbozzat f'konformità mal-Artikolu 122 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, minn hawn 'l quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju" ⁽¹⁾, mal-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Diċembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u mal-Artikolu 13(2) tad-dispożizzjonijiet interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew ⁽³⁾. L-analiżi hi bbażata fuq il-kontijiet baġitarji proviżorji adottati mill-Kontabilist.

I. ĠESTJONI FINANZJARJA: ĠENERALI

3. L-2009 kienet it-tielet sena finanzjarja koperta mill-prospettivi finanzjarji 2007-2013 ⁽⁴⁾. L-approprijazzjonijiet finali tal-Parlament telgħu għal EUR 1 529 970 930, jiġifieri 19,67 % mit-totalità tal-ispejjeż amministrattivi tal-Unjoni ("Titolu V"). It-tabella 1 hawn taħt tippreżenta t-tweġiq tal-baġit tal-Parlament Ewropew matul s-sena finanzjarja 2009.

Tabella 1.

Użu tal-krediti 2009

Tip ta' approprijazzjoni	Approprijazzjonijiet fl-2009 (EUR jew %)
Approprijazzjonijiet fl-2009	
Approprijazzjonijiet inizjali	1 529 970 930
Baġit ta' emenda	—
Approprijazzjonijiet finali	1 529 970 930
Approprijazzjonijiet finali fl-2009	
Impenji	1 417 629 732
f% tal-approprijazzjonijiet finali	93 %
Ħlasijiet	1 237 363 909
f% tal-impenji	87 %
Trasferimenti mill-2009 għall-2010	
Trasferimenti awtomatiċi għall-2010 (*)	180 265 823
f% tal-approprijazzjonijiet finali	12 %
f% tal-impenji	13 %
Trasferimenti mhux awtomatiċi (krediti mhux impenjati trasferiti għall-2010) (**)	10 100 000
f% tal-approprijazzjonijiet finali	0,7 %
Kanċellazzjonijiet	
Approprijazzjonijiet kanċellati	102 241 198
f% tal-approprijazzjonijiet finali	7 %

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.⁽³⁾ PE 349 540/BUR/ANN/DEF.⁽⁴⁾ Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tagħha (ĠU C 139, 14 6 2006, p. 1).

Tip ta' approprjazzjoni	Approprjazzjonijiet fl-2009 (EUR jew %)
Trasferimenti mill-2008 għall-2009	
Trasferimenti awtomatiċi għall-2009 (*)	196 133 738
Ħlasijiet fisem dawn ir-rapporti	179 641 279
<i>f%</i> tal-impENji	92 %
Ammont ikkanċellat	16 492 459
Trasferimenti mhux awtomatiċi għall-2009 (**)	8 315 729
Ħlasijiet fisem dawn ir-rapporti	6 245 140
<i>f%</i> tal-impENji	75 %
Approprjazzjoniet miftuħa mid-dħul allokati fl-2009	
Approprjazzjoniet tad-dħul allokati fl-2009	27 576 932
ImpENji	12 196 620
<i>f%</i> tal-approprjazzjoniet tad-dħul allokati	44 %
Ħlasijiet	9 045 904
<i>f%</i> tal-approprjazzjoniet tad-dħul allokati	74 %
Approprjazzjoniet disponibbli mid-dħul allokati fl-2009	15 380 312
Approprjazzjoniet miftuħa mid-dħul allokati trasferiti għall-2010	
Approprjazzjoniet miftuħa fuq id-dħul li kien hemm trasferiti għall-2010	20 637 870
Approprjazzjoniet miftuħa mid-dħul allokati trasferiti għall-2009	
Approprjazzjoniet miftuħa mid-dħul allokati trasferiti għall-2009	36 808 922
ImpENji	36 024 461
Ħlasijiet	33 779 036
<i>f%</i> tal-impENji	94 %

Nota:
 (*) L-Artikoli 9(1) u 9(4) tar-Regolament Finanzjarju.
 (**) L-Artikoli 9(1), 9(2)(a) u 9(5) tar-Regolament Finanzjarju.

A. Dħul

4. Id-dħul inkluż fil-kontijiet fil-31 ta' Diċembru 2009 ammonta għal EUR 141 250 059, li EUR 27 576 932 minnu kienu dħul allokati.

B. Baġit inizjali u baġits ta' emenda

5. L-approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit inizjali tal-Parlament għall-2009 ammontaw għal EUR 1 529 970 930, jiġifieri żieda ta' 5 % fuq il-baġit tal-2008 (EUR 1 452 517 167). Ma kien hemm l-ebda baġit ta' emenda fl-2009.

C. ImpENji u ħlasijiet

6. L-impENji ammontaw għal EUR 1 417 629 732, jiġifieri 93 % tal-approprjazzjonijiet finali (2008: 97 %). Il-ħlasijiet ammontaw għal EUR 1 237 363 909, jiġifieri 87 % tal-impENji li daħlu fis-seħħ (2008: 86 %).

D. Trasferimenti mill-2009 għall-2010

7. L-ammonti trasferiti b'mod awtomatiku għas-sena finanzjarja 2010 ammontaw għal EUR 180 265 823, jiġifieri 13 % tal-approprjazzjonijiet impENjati (2008: 14 %). L-approprjazzjonijiet mhux impENjati fl-aħħar tas-sena u trasferiti għas-sena finanzjarja 2010 (trasferimenti mhux awtomatiċi) ammontaw għal EUR 10 100 000, jew 0,7 % tal-approprjazzjonijiet finali (2008: 0,6 %), u ġew allokati għall-iskopijiet murija fit-tabella 2.

Tabella 2

Skop tat-trasferimenti mhux awtomatiċi għall-2010

(EUR)		
Artikolu	Skop	Skop
2 0 0 3 "Akkwist ta' bini"	Akkwist tal-bini Millenaris f'Budapest	9 100 000
2 0 0 8 "Infiq ieħor relatat mal-bini"	Spejjeż oħra marbuta max-xiri tal-bini Millenaris f'Budapest	1 000 000
Total		10 100 000

E. Trasferimenti mill-2008 għall-2009

8. It-trasferimenti tal-appropriazzjonijiet "awtomatiċi" għall-2009 kellhom ammont totali ta' EUR 196 133 738. Il-ħlasijiet kontra dawn it-trasferimenti ammontaw għal EUR 179 641 279, jiġifieri 92 % (2008: 87 %). Għalhekk, l-ammont ikkanċellat kien ta' EUR 16 492 459.

Il-kanċellazzjonijiet kellhom x'jaqsmu essenzjalment mal-artikli li ġejjin:

- l-Artikolu 1 4 0 "Aġenti oħra u ħaddiema esterni" (EUR 1 951 791),
- l-Artikolu 2 0 0 "Bini" (EUR 6 342 651),
- l-Artikolu 2 0 2 "In-nefqa fuq il-bini" (EUR 1 362 024)
- u l-Artikolu 3 2 4 "Produzzjoni u tixrid" (EUR 2 115 023).

Ir-raġunijiet u l-oriġini ta' dawn il-kanċellazzjonijiet fil-qosor huma kif ġej:

Artikolu kkonċernat	Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet
l-Artikolu 1 4 0 "Aġenti oħra u ħaddiema esterni"	Inqas użu milli previst tal-interpreti għall-konferenzi, b'mod partikolari bħala konsegwenza tat-tnaqqis fl-attività waqt is-sena elettorali.
l-Artikolu 2 0 0 "Bini"	STR : kanċellazzjoni tal-provvista għat-taxxa tal-ġbir tal-iskart (EUR 1,2 miljun). LUX : Ħidmiet fuq l-art u l-istudji għall-estensjoni tal-KAD, li xogħol minnhom li jammonta għal EUR 2,7 miljun ma twettaqx minħabba dewmien kbir li rriżulta minn ħidmiet mhux previsti tad-dekontaminazzjoni tal-ħamrija. BRU : Ħidmiet fiċ-ċentru tal-kontroll tas-sigurtà. Minħabba dewmien fil-ħidmiet ma ntużawx EUR 1,05 miljun.
l-Artikolu 2 0 2 "In-nefqa fuq il-bini"	Il-kanċellazzjonijiet ewlenin jikkonċernaw il-Partita "It-tindif u l-manutenzjoni" (EUR 676 556), il-Partita "Konsum tal-enerġija" (EUR 367 298) u l-Partita "Sigurtà u sorveljanza tal-bini" (EUR 314 296).
u l-Artikolu 3 2 4 "Produzzjoni u tixrid"	Il-kanċellazzjonijiet ewlenin jikkonċernaw il-Partita "Nefqiet għall-pubblikazzjoni, l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi" (EUR 703 498), il-programm Euroscola (EUR 486 162) u l-infiq awdjoviżiv (EUR 446 162).

9. It-trasferimenti tal-appropriazzjonijiet "mhux awtomatiċi" għall-2009 ammontaw għal total ta' EUR 8 315 729 u kienu jikkonċernaw il-Partita 3243 "Iċ-Ċentru għall-Viżitaturi" u l-Artikolu 214 "Materjal u installazzjonijiet Tekniċi".

F. Appropriazzjoniet miftuħa mid-dħul allokat

10. Id-dħul allokat li sar disponibbli fl-2009 ammonta għal total ta' EUR 27 576 932 (2008: EUR 47 511 735). Ir-rata ta' impenn kienet 44 % (2008: 30 %). Il-ħlasijiet ammontaw għal EUR 9 045 904, jiġifieri 74 % tal-impenji attwati (2008: 71 %). Bilanċ ta' EUR 20 637 870 ġie trasferit għas-sena baġitarja 2010 (2008: EUR 36 808 922).

11. Id-dħul allokat trasferit għall-2009 ammonta għal total ta' EUR 36 808 922 (2008: EUR 38 325 182) L-impenji attwati ammontaw għal EUR 36 024 461 (2008: EUR 38 236 288). Il-ħlasijiet magħmula fl-2009 jirrapreżentaw 94 % tal-impenji attwati (2008: 93 %).

G. Kanċellazzjonijiet

12. Approprijazzjonijiet li jammontaw għal EUR 102 241 198 (2008: EUR 42 238 638) kienu kkanċellati, li jikkorrispondu għal 7 % tal-appropriazzjonijiet finali (2008: 3 %). Dawn il-kanċellazzjonijiet ta' approprijazzjonijiet jistgħu jiġu spjegati essenzjalment permezz tal-elementi li ġejjin:

- in-nuqqas trasferiment ta' tlaqqit fl-2009 li seta' juża r-residwu tekniku normali ta' madwar EUR 40 miljun;
- l-inċertezzi tas-sena elettorali u tal-introduzzjoni tal-istatuti l-ġodda tal-Membri u tal-assistenti u tar-regola l-għdida li tagħmilha possibbli li l-intitolamenti tal-assistenza parlamentari jiġu trasferiti: EUR 31,4 miljun ġew kanċellati mill-allowance tal-assistenza parlamentari u EUR 18 miljun għall-ispejjeż tal-vjaġġi tal-Membri;
- id-deċiżjoni tal-Kunsill li japplika rata ta' aġġustament tas-salarji ta' 1,85 % minflok 3,7 %: kanċellazzjoni ta' EUR 6 miljun.

H. Trasferimenti

13. Matul is-sena finanzjarja ġew approvati tmintax il-trasferiment C skont l-Artikoli 24 u 43 tar-Regolament Finanzjarju ⁽¹⁾. Dawn ammontaw għal EUR 64 853 607, jiġifieri 4 % tal-appropriazzjonijiet finali (fl-2008: 18-il trasferiment li jirrapreżentaw 4 % tal-appropriazzjonijiet finali). Il-President approva 9 trasferimenti P skont l-Artikoli 22(1) ⁽²⁾ tar-Regolament Finanzjarju, li jammontaw għal EUR 35 665 000, jiġifieri 2 % tal-appropriazzjonijiet finali (2008: 14-il trasferiment li jirrapreżentaw 1 % tal-appropriazzjonijiet finali). L-analiżi tat-trasferimenti skont il-bażi legali hija preżentata fit-tabella 3.
14. Fil-qosor, sebgħa u għoxrin trasferiment C u P ġew approvati fl-2009, li ammontaw għal EUR 100 518 607, jiġifieri 7 % ta' approprijazzjonijiet finali (2008: 44 trasferiment li jirrapreżentaw EUR 98 008 873, jiġifieri 7 % tal-appropriazzjonijiet finali).

Tabella 3

Trasferimenti skont il-bażi legali

Numru ta' trasferimenti	Ammont trasferit (EUR)	% tal-appropriazzjonijiet finali
<i>Trasferimenti C (l-Artikoli 24 u 43)</i>		
18-il trasferiment "C"	64 853 607	4
<i>Trasferimenti P (l-Artikoli 22(1))</i>		
9 trasferimenti "P"	35 665 000	2
Trasferimenti C + P	100 518 607	7

Tabella 4

Destinazzjoni tat-trasferimenti C

(EUR)

Linja baġitarja destinatara	Trasferiment	Ammont trasferit
1 0 2 "Allowances tranżitorji"	C23	2 100 000
1 0 0 0 "Allowances"	C23	350 000

⁽¹⁾ l-Artikolu 24 – Deċiżjoni tal-awtorità tal-baġit, Artikolu 43 – Deċiżjoni mill-awtorità tal-baġit dwar trasferimenti li jkopru d-dispożizzjonijiet meħuda.

⁽²⁾ Deċiżjoni meħuda mill-istituzzjoni favur it-trasferimenti skont artikolu.

(EUR)		
Linja baġitarja destinatarja	Trasferiment	Ammont trasferit
1 0 0 6 "Allowances għan-nefqa ġenerali"	C19	1 247 715
1 0 1 2 "Miżuri speċifiċi għall-benefiċċju tal-Membri Parlamentari li għandhom diżabilità u tat-tfal tal-Membri li għandhom diżabilità"	C23	100 000
1 2 0 0 "Remunerazzjoni u allowances"	C10	7 703 992
1 4 2 "Servizzi Esterni"	C6	1 200 000
1 6 1 0 "Spejjeż għar-reklutaġġ"	C14	300 000
2 0 0 1 "Ħlasijiet ta' ċnus"	C17	31 891 000
2 0 0 3 "Akkwist ta' bini"	C24	9 100 000
2 0 0 7 "Sistemazzjoni fil-bini"	C1	2 700 000
2 0 0 8 "Infiq ieħor relatat mal-bini"	C24	1 000 000
2 0 2 2 "It-tindif u l-manutenzjoni"	C16	1 273 900
2 0 2 6 "Sigurtà u sorveljanza tal-bini"	C8	2 080 000
2 1 0 0 "Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni"	C5	527 000
2 1 0 2 "Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni"	C22	2 145 000
2 3 2 "Nefqiet legali u ħsar"	C2	800 000
3 0 4 4 "Nefqiet varji għall-organizzazzjoni tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO u laqgħat oħra tad-delegazzjonijiet interparlamentari, tad-delegazzjonijiet ad hoc u tad-WTO"	C11	240 000
3 2 4 5 "L-organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivitajiet kulturali"	C13	95 000
Total		64 853 607

Tabella 5

Destinazzjoni tat-trasferimenti C għal kull kategorija ta' nfiq

Kategorija tad-destinazzjoni	Ammont trasferit (EUR)	%
Politika tal-bini	47 571 000	73
Persunal	8 977 892	14
Membri	4 337 715	7
Spejjeż relatati mal-informatika	2 672 000	4
Spejjeż relatati mal-multilingwiżmu	1 295 000	2
Total	64 853 607	100

H.1. Trasferimenti ta' approprijazzjonijiet proviżorji maħruġa mir-riżervi (Titolu 1 0)

15. Din it-taqsimha titratta l-użu tal-approprijazzjonijiet tal-Kapitolu 1 0 0 "Approprijazzjonijiet proviżorji", tal-Kapitolu 1 0 1 "Riserva ta' kontinġenza", tal-Kapitolu 1 0 4 "Riserva għal politika tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni" u tal-Kapitolu 1 0 5 "Approprijazzjoni proviżorja għal bini". Dawn il-kapitoli, inklużi fit-Titolu 1 0 "Infiq ieħor", huma msemmija "riservati" iktar 'il quddiem f'dan ir-rapport. It-Titolu 1 0 "Infiq ieħor" jikkonstitwixxi s-sors prinċipali tat-trasferimenti u jirrappreżentaw EUR 32 886 706, ġejjin minn din l-intestatura.

16. Mill-ammont totali ta' EUR 32 886 706 trasferit għall-approprijazzjonijiet proviżorji, is-somma ta' EUR 25 054 099 kienet destinata għall-politika tal-bini u EUR 7 832 607 għal skopijiet oħra. Id-destinazzjoni tat-trasferimenti tal-approprijazzjonijiet proviżorji u l-iskop tagħhom huma dettaljati fit-Tabella 6.

Tabella 6

Destinazzjoni u raġunijiet tat-trasferimenti tal-appropriazzjonijiet proviżorji

(f'EUR)

Kapitolu sors	Partita destinatarka	Trasferiment	Skop	Ammont trasferit
Kapitolu 10 0	2 0 0 7	C1	Spejjeż marbuta mas-sistemazzjoni tal-bini fi Strasburgu	2 700 000
Kapitolu 10 1	2 0 2 6	C8	Sigurtà u sorveljanza tal-bini	2 080 000
	2 3 2 0	C2	Spejjeż addizzjonali tal-assistenza legali esterna	800 000
Kapitolu 10 5	2 0 0 1	C17	Finanzjament tal-kiri li jagħti d-dritt bl-għażla ta' xiri tal-bini TREVES I (Brussell)	9 374 099
	2 0 0 3	C24	Akkwist b'mod konġunt mal-Kummissjoni Ewropea tal-bini "Millenaris" f'Budapest, sabiex fih tiġi installata d-Dar tal-Ewropa.	9 100 000
	2 0 0 8	C24	Akkwist b'mod konġunt mal-Kummissjoni Ewropea tal-bini "Millenaris" f'Budapest, sabiex fih tiġi installata d-Dar tal-Ewropa.	1 000 000
Total tal-politika tal-bini				25 054 099
Kapitolu 10 0	1 2 0 0	C3	Rilaxx ta' ħames partiti ġodda.	112 992
Kapitolu 10 1	1 2 0 0	C20	Aġġustament annwali tal-pensjonijiet u tar-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali.	2 000 000
	2 0 2 2	C16	Finanzjament tal-miżuri ta' prevenzjoni kontra l-Influenza A/H1N1 rakkomandati mit-tim tal-Ġestjoni tal-Kriżi.	1 273 900
Total tan-nefqa fuq il-persunal				3 977 892
Kapitolu 10 1	3 0 4 4	C11	Nefqiet varji għall-organizzazzjoni tad-delegazzjonijiet interparlamentari u ad hoc.	240 000
	1 0 0 6	C19	Spejjeż marbuta mal-allowance tal-ispejjeż ġenerali.	1 247 715
Total tan-nefqa għall-Membri				1 487 715
Kapitolu 10 0	1 4 2 0	C6	Spejjeż addizzjonali għat-traduzzjoni esterna	1 200 000
Kapitolu 10 1	3 2 4 5	C13	Spejjeż addizzjonali marbuta mal-appoġġ għall-multilingwiżmu.	95 000
Spejjeż totali relatati mal-multilingwiżmu				1 295 000
Kapitolu 10 1	2 1 0 0	C5	Żvilupp tas-software (ġestjoni tar-riżorsi umani).	527 000
	2 1 0 2	C5		295 000
Kapitolu 10 8	2 1 0 2	C22	Operazzjoni, żvilupp u manutenzjoni tas-sistemi tas-software.	250 000
Total tal-ispejjeż relatati mal-informatika				1 072 000
Total				32 886 706

H.2. Trasferimenti minn sorsi oħra

17. Din is-sezzjoni teżamina t-trasferimenti li ġew minn sorsi oħra barra t-Titolu 10 "Infiq ieħor". Ammont totali ta' EUR 31 966 901 kien trasferit minn titoli oħra. L-ispejjeż relatati mal-politika tal-bini rrappreżentaw l-ikbar parti tat-trasferimenti jiġifieri 70 %, u warajhom l-ispejjeż għall-persunal (16 %), għall-Membri (9 %) u l-ispejjeż relatati mal-informatika (5 %). Dawn it-trasferimenti jinsabu dettaljati fit-Tabella 7. Il-parti l-kbira tat-trasferimenti għall-politika tal-bini tista' tispejja ruħha permezz tal-operazzjoni eċċezzjonali tal-kiri ta' 99 sena bid-dritt tal-għażla tax-xiri għall-akkwist tal-bini TREVES I fi Brussell.

Tabella 7

Destinazzjoni tat-trasferimenti C ta' sorsi barra minn dawk mit-Titolu 10

(f'EUR)

Artikolu destinatariju	Trasferiment	Ġustifikazzjoni tat-talbiet għal trasferiment	Total
1 6 1 0	C14	Spejjeż marbuta mal-eżamijiet mediċi, obligatorji għar-reklutaġġ tal-assistenti parlamentari	160 000
	C7	Spejjeż marbuta mal-eżamijiet mediċi, obligatorji għar-reklutaġġ tal-assistenti parlamentari	140 000
1 0 0 0	C23	L-applikazzjoni tal-Istatut tal-Membri (allowances u allowances tranżitorji).	350 000
1 0 1 2	C23	L-applikazzjoni tal-Istatut tal-Membri (allowances u allowances tranżitorji).	100 000
1 0 2	C23	L-applikazzjoni tal-Istatut tal-Membri (allowances u allowances tranżitorji).	2 100 000
Total tan-nefqa għall-Membri			2 850 000
1 2 0 0	C20	Aġġustament annwali tal-pensjonijiet u tar-remunerazzjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra.	5 000 000
Total tan-nefqa għall-Persunal			5 000 000
2 0 0 1	C17	Finanzjament tal-kiri li jagħti d-dritt bl-għażla ta' xiri tal-bini TREVES I (Brussell)	22 516 901
Total tan-nefqa għall-politika tal-bini			22 516 901
2 1 0 2	C22	Operazzjoni, żvilupp u manutenzjoni tas-sistemi tas-sofwer.	1 600 000
Total tal-ispejjeż relatati mal-informatika			1 600 000
Total			31 966 901

18. It-trasferimenti P jinsabu fil-qosor fit-Tabella 8.

Tabella 8

Destinazzjoni tat-trasferimenti P

(f'EUR)

Artikolu destinatariju	Trasferiment	Deskrizzjoni	Ammont trasferit
1 0 0 4 "Spejjeż għall-vjaġġi regolari"	P7	Spejjeż għal vjaġġi u għas-soġġorn tal-Membri f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Istatut u tal-PEAM	600 000
1 0 0 4 "Spejjeż għall-vjaġġi regolari" Total			600 000
1 2 2 0 "Allowance fil-każ ta' irtirar kmieni mix-xogħol fl-interess tas-servizz"	P2	L-applikazzjoni tal-Artikolu 50 għal uffiċjali ġodda tal-grad AD15	360 000
1 2 2 0 "Allowance fil-każ ta' irtirar kmieni mix-xogħol fl-interess tas-servizz" Total			360 000

(f'EUR)			
Artikolu destinatariju	Trasferiment	Deskrizzjoni	Ammont trasferit
2 0 0 7/02 "Sistemazzjoni fil-bini: Strasburgu"	P9	Twettiq ta' ħidmiet ta' kisi kontra n-nirien tal-istrutturi fil-bini LOW fi Strasburgu	4 000 000
2 0 0 7/02 "Sistemazzjoni fil-bini: Strasburgu" Total			4 000 000
2 0 0 8 "Infiq ieħor relatat mal-bini"	P8	Spejjeż marbuta mat-tariffi tal-kumpanija tal-periti fil-qafas tal-proġett tal-estensjoni tal-bini KAD fil-Lussemburgu	850 000
2 0 0 8 "Infiq ieħor relatat mal-bini" Total			850 000
3 0 4 7 "Nefqiet varji għall-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-Assemblea Parlamentari Eurolat"	P3	Spejjeż marbuta mal-organizzazzjoni tal-Assemblea Parlamentari Eurolat	25 000
3 0 4 7 "Nefqiet varji għall-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-Assemblea Parlamentari Eurolat" Total			25 000
3 2 4 2/01 "Nefqiet għall-pubblikazzjonijiet, l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi: publikazzjoni, azzjonijiet ta' informazzjoni, manifestazzjonijiet pubbliċi"	P5	Spejjeż għall-pubblikazzjonijiet informattivi, inklużi l-pubblikazzjonijiet elettroniċi, attivitajiet informattivi, ir-relazzjonijiet pubbliċi, il-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi, f'wirjiet u f'fieri fl-Istati Membri u fil-pajjiżi aderenti	250 000
	P6	Spejjeż marbuta mal-konsolidazzjoni u l-iżvilupp tas-servizz tal-intranet tal-PE	780 000
3 2 4 2/01 "Nefqiet għall-pubblikazzjonijiet, l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi: publikazzjoni, azzjonijiet ta' informazzjoni, manifestazzjonijiet pubbliċi" Total			1 030 000
3 2 4 2/02 "Nefqiet għall-pubblikazzjonijiet, l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi: informazzjoni elettronika (internet)"	P5	Spejjeż għall-pubblikazzjonijiet informattivi, inklużi l-pubblikazzjonijiet elettroniċi, attivitajiet informattivi, ir-relazzjonijiet pubbliċi, il-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi, f'wirjiet u f'fieri fl-Istati Membri u fil-pajjiżi aderenti	50 000
3 2 4 2/02 "Nefqiet għall-pubblikazzjonijiet, l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi: informazzjoni elettronika (internet)" Total			50 000
4 2 2 4 "L-assistenti parlamentari"	P1	Spejjeż tas-salarji, l-missjonijiet u spejjeż oħra relatati mal-assistenti parlamentari	10 500 000
	P4	Spejjeż marbuta mar-reklutaġġ tal-assistenti parlamentari	18 250 000
4 2 2 4 "L-assistenti parlamentari" Total			28 750 000
Total aħħari			35 665 000

II. ĠESTJONI FINANZJARJA SKONT IL-KAPITOLU

19. Din is-sezzjoni tippreżenta l-użu tal-appropriazzjonijiet għal kull Kapitolu baġitarju, is-sehem relattiv tagħhom mill-baġit u l-evoluzzjoni tagħhom f'paragun mas-sena finanzjarja preċedenti. Erba' kapitoli waħedhom jammontaw għal 71 % tal-impnenji totali. Dawn huma l-Kapitolu 10 "Membri tal-istituzzjoni", il-Kapitolu 12 "Uffiċjali u aġenti temporanji", il-Kapitolu 20 "Bini u nefqiet relatati", u l-Kapitolu 42 "Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari".

20. It-tabella 9 tippreżenta, Kapitolu b'Kapitolu, l-evoluzzjoni tal-appropriazzjonijiet impenjati fl-2009 f'paragun mas-sena finanzjarja 2008. Il-graffs 1 u 2 juru skematikament il-partijiet relatati u l-evoluzzjoni mill-2008 għall-2009.


Tabella 9

Evoluzzjoni tal-impenji tal-appropriazzjonijiet tal-2009 u l-2008

Kapitolu	Intestatura	2009 (EUR)	2008 (EUR)	Evoluzzjoni (EUR)	Evoluzzjoni (%)
1 0	Membri tal-istituzzjoni	167 952 342	149 961 012	17 991 330	12
1 2	Uffiċjali u aġenti temporanji	502 188 864	483 919 957	18 268 907	4
1 4	Ħaddiema oħra u servizzi esterni	90 934 827	87 947 782	2 987 045	3
1 6	Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni	14 019 742	12 715 214	1 304 528	10
	Titolu 1 - Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni	775 095 774	734 543 965	40 551 809	6
2 0	Bini u nefqiet relatati	182 901 221	191 008 372	- 8 107 151	- 4
2 1	Proċessar ta' dejta, tagħmir u għamara	106 080 064	111 822 160	- 5 742 096	- 5
2 3	In-nefqa amministrattiva u kurrenti	10 778 699	9 790 321	988 378	10
	Titolu 2 - Bini, għamara, tagħmir u nefqiet varji għall-operat amministrattiv	299 759 983	312 620 853	- 12 860 870	- 4
3 0	Laqgħat u konferenzi	26 242 041	27 964 196	- 1 722 155	- 6
3 2	L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni	93 647 680	100 405 636	- 6 757 956	- 7
	Titolu 3 - In-nefqa ġenerali għall-operat amministrattiv tal-istituzzjoni	119 889 721	128 369 832	- 8 480 111	- 7
4 0	Nefqa relatata ma' ċerti istituzzjonijiet u ma' ċerti korpi	69 215 824	71 875 103	- 2 659 279	- 4
4 2	Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari	153 358 430	154 301 747	- 943 317	- 1
4 4	Laqgħat u attivitajiet oħra tal-Membri parlamentari attwali u tal-ex-Membri	310 000	251 300	58 700	23
	Titolu 4 - Nefqa li tirriżulta minn funzjonijiet speċjali li jsiru mill-istituzzjoni	222 884 254	226 428 150	- 3 543 896	- 2
	Total	1 417 629 732	1 401 962 800	15 666 932	1


Graff 1

Distribuzzjoni tal-baġit 2009 skont il-Kapitolu



Graff 2

Evoluzzjoni tal-impenji bejn l-2008 u l-2009 skont il-Kapitolu



A. Kapitolu 10 "Membri tal-istituzzjoni"

21. Dan il-Kapitolu jirrappreżenta 12 % mill-ispejjeż totali għas-sena finanzjarja 2009 u kellu wkoll progressjoni ta' 12 % f'paragun mal-2008. Is-sena 2009 kienet l-ewwel sena tal-eżerċizzju baġitarju tal-applikazzjoni tal-Istatut il-ġdid tal-Membri, għall-perjodu minn Lulju sa Diċembru. Il-Parlament ħa fidejha l-allowances ta' kull xahar tal-Membri li qabel kienu jitħallsu mill-Istati Membri, ħlief fil-każ tat-32 Membru li għażlu s-sistema previst mill-Istatut tal-Membri ta' esklużjoni minn dan l-arranġament. Il-piżijiet il-ġodda sinifikanti marbuta mal-applikazzjoni tal-Istatut tal-Membri jikkonċernaw essenzjalment l-allowances ta' kull xahar (il-Partita 1 0 0 0) u ż-żieda tal-ispejjeż għall-vjaġġi (il-partiti 1 0 0 4 u 1 0 0 5). Fil-fatt, id-dispożizzjonijiet implimentattivi tal-Istatut minn issa 'l quddiem jipprevedu r-rimborż tal-vjaġġi fuq il-bażi tal-ispejjeż reali u rimborż ġdid tal-ispejjeż għall-vjaġġi li jkunu saru fl-Istat tal-elezzjoni.

22. F'dan il-kuntest, l-impenji tal-Partita 1 0 0 0 "Allowances" telgħu għal EUR 30 601 983 (18 % tal-impenji tal-Kapitolu 10), filwaqt li EUR 64 968 672 ġew iddedikati għall-Partita 1 0 0 4 "Spejjeż għall-vjaġġi regolari" (38 % tal-impenji tal-Kapitolu 10). Din il-Partita kopriet l-ispejjeż tal-vjaġġi u tas-soġorn marbuta mal-vjaġġi lejn u mill-postijiet ta' ħidma tal-Parlament u missjonijiet oħra.

23. Fl-2009, il-Membri vjaġġaw 10 200 darba sabiex jattendu għas-sessjonijiet parzjali fi Strasburg u Brussell, 14 734 darba sabiex jattendu għal-laqgħat tal-Kumitati fi Brussell u 8 142 darba sabiex jattendu għal-laqgħat tal-gruppi politiċi fi Brussell. F'dak li jikkonċerna l-vjaġġi barra l-postijiet ta' ħidma tas-soltu tal-Parlament, saru 641 vjaġġ għal-laqgħat tal-kumitati u 1 093 għal-laqgħat tal-gruppi politiċi, li magħhom jiżiedu 679 spostament għal-laqgħat tad-delegazzjonijiet parlamentari.
24. Għall-Partita 1 0 0 6 "Allowance għan-nefqa ġenerali", l-impenji ammontaw għal EUR 42 629 278 (25 % tal-impenji tal-Kapitolu 1 0). Dan l-ammont kopra l-ispejjeż li rriżultaw mill-attivitajiet parlamentari tal-Membri fl-Istat fejn ġew eletti.

B. Kapitolu 12 "Uffiċjali u aġenti temporanji"

25. Dan il-Kapitolu jammonta għal 35 % tal-ispejjeż totali tas-sena finanzjarja 2009, jiġifieri l-ikbar kategorija tan-nefqa. Iż-żieda ta' 4,2 % tal-Artikolu 1 2 0, irreġistrata bejn l-2008 u l-2009, tispjega ruħha essenzjalment biż-żieda tal-ispejjeż marbuta mal-Partita 1 2 0 0 "Remunerazzjoni u allowances" (+ 4,6 %) minħabba l-politika tar-Regolamenti tal-Persunal dwar il-promozzjonijiet u l-avvanzi fl-iskala kif ukoll il-valorizzazzjoni annwali mill-ġdid tas-salarji kif prevista fir-Regolamenti tal-Persunal. Iż-żieda fin-nefqa tal-Artikolu 1 2 0 ġiet ikkompensata fit, bħal fl-2008, permezz tan-nefqa tal-Artikolu 1 2 2 "Allowance għall-irtirar kmieni mis-servizz", li tispjega ruħha bit-tnaqqis sostanzjali ta' numru ta' benefiċjarji wara li dawn ġew trasferiti għas-sistema komuni tal-pensjoni.
26. Fil-Kapitolu 1 2, madwar 98 % tan-nefqa kienet marbuta mal-Artikolu 1 2 0 0 "Remunerazzjoni u allowances". L-impenji kienu ekwivalenti għal EUR 494 054 418 f'din il-Partita. Bħala total, 1,4 % minn dan l-ammont ġie kkanċellat minħabba d-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill f'Diċembru 2009 li jingħata biss 1,85 % għall-aġġustament annwali tar-remunerazzjonijiet filwaqt li l-baġit kien ġie smat fuq il-bażi ta' valorizzazzjoni mill-ġdid ta' 3,7 % kif propost mill-Kummissjoni lill-Kunsill.
27. Fl-2007, ġew ippubblikati 613 post vakanti. Ġew rekrutati 285 uffiċjal u aġent temporanju għas-Segretarjat Ġenerali u 22 għall-gruppi politiċi. Bħala total, 5 501 uffiċjal u aġent temporanju kienu jaħdmu mal-Parlament Ewropew fil-31 12 2009. Is-Segretarjat Ġenerali impjega 4 922 uffiċjal u aġenti temporanji, filwaqt li l-gruppi politiċi fl-aħħar tal-2007 kienu qed jimpjegaw 579 persuna.
28. F'dak li jikkonċerna t-tqassim tal-persunal skont il-ġeneru, il-proporzjon ta' nisa laħaq it-23 % tat-total tal-postijiet maniġerjali fil-31 12 2009. Huma jirrappreżentaw 21 % tal-Kapijiet ta' Unità, 25 % tad-Diretturi u 29 % tad-Diretturi Ġenerali (4 minn total ta' 14). Il-graff 3 tippreżenta t-tqassim tal-persunal kollu skont il-funzjoni u skont il-ġeneru. It-tqassim tal-persunal skont il-pajjiż ta' oriġini hu preżentat fit-tabella 10.

Graff 3

Tqassim skont il-ġeneru tal-persunal tas-Segretarjat Ġenerali




Tabella 10

Tqassim skont il-pajjiż tal-persunal tas-Segretarjat Ġenerali (uffiċjali u aġenti temporanji)

UE-27			
UE-15		UE-10	
AT	61		
BE	728	CY	15
DE	402	CZ	116
DK	155	EE	93
ES	368	HU	145
FI	181	LT	95
FR	569	LV	93
UK	276	MT	65
GR	220	PL	190
IE	98	SI	96
IT	514	SK	120
LU	130	UE-2	
NL	161		
PT	237	BG	110
SE	139	RO	123


Sors: DG PERSUNAL

C. Kapitolu 14 “Ħaddiema oħra u servizzi esterni”

29. Dan il-Kapitolu ammonta għal 6 % tal-baġit tal-2009. Iż-żieda ta' 3 % osservata bejn l-2008 u l-2009 tispjega ruħha, minn naħa, permezz taż-żieda tal-Partita 1 4 0 0 “Aġenti oħra” u tal-Artikolu 1 4 2 “Servizzi esterni” u, min-naħa l-oħra, permezz tat-tnaqqis fil-Partita 1 4 0 2 “Interpreti għall-konferenzi”. 48 % tal-appropriazzjonijiet tal-Kapitolu 1 4 ġew iddedikati għall-Partita 1 4 0 2 u 27 % għall-Partita 1 4 0 0.
30. F'dak li jikkonċerna l-Partita 1 4 0 2 “Interpreti għall-konferenzi”, l-impenji kienu jammontaw għal EUR 43 273 028 u koprew b'mod partikolari l-elementi li ġejjin: it-tariffi, il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, l-ispejjeż għall-vjaġġi u l-allokkazzjonijiet għas-soġġorn tal-interpreti awżiljari għall-konferenzi impjegati mill-Parlament. L-interpreti uffiċjali u l-interpreti awżiljari għall-konferenza għamlu 87 473 jum ta' interpretazzjoni fl-2009 (-9,2 % f'paragun mal-2008). L-interpreti uffiċjali għamlu 49 547 jum ta' interpretazzjoni (-4,2 %) filwaqt li l-interpreti awżiljari għall-konferenza għamlu 37 926 (-15 % f'paragun mal-2008). It-tnaqqis fl-infiq d'din il-kategorija ġej min-nuqqas ta' laqgħat matul il-perjodu elettorali.
31. F'dak li jikkonċerna l-Partita 1 4 0 2 “Aġenti oħra”, l-impenji ammontaw għal EUR 24 230 465. Din il-Partita essenzjalment għandha l-għan li tkopri r-rimunerazzjonijiet u l-allowances tal-aġenti kontrattwali impjegati mis-Segretarjat Ġenerali jew mill-gruppi politiċi kif ukoll il-forniment tas-servizzi tal-kumpanija Manpower li tirrekluta l-persunal ta' appoġġ għas-sessjonijiet ta' Strasburgu. F'dak li jikkonċerna l-persunal kuntrattwali, 571 persuni kienu impjegati fil-31 12 2009.
32. It-tqassim tal-persunal kuntrattwali skont il-grupp ta' funzjoni qed jiġi preżentat fil-Graff 4.

Graff 4

Persunal kuntrattwali skont il-grupp ta' funzjoni



D. Kapitolu 16 “Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni”

33. Dan il-Kapitolu ammonta għal 1 % tal-baġit tal-2009. L-appropriazzjonijiet impenjati f'dan il-Kapitolu żiedu b'10 % bejn l-2008 u l-2009 minħabba ż-żieda fil-Partita 1 6 1 0 “Spejjeż għar-reklutaġġ”. Din il-Partita kienet suġġetta għal trasferiment sabiex tkopri l-ispejjeż addizzjonali marbuta mar-reklutaġġ tal-assistenti parlamentari akkreditati.
34. Fil-Kapitolu 16, 32 % tal-impenji kienu jikkonċernaw il-Partita 1 6 5 4 “Ċentri għat-tfal żgħar u skejjel materni approvati”, 24 % l-Partita 1 6 1 2 “Taħriġ Professjonali Ulterjuri”, 16 % l-Partita 1 6 5 2 “Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins”, u 9 % l-Partita 1 6 1 3 “Taħriġ Professjonali Ulterjuri: Spejjeż ta' missjonijiet”.
35. Is-SottoPartita 1654/01 “ Ċentri għat-tfal żgħar u skejjel materni approvati: ġestjoni esterna tal-crèches u tal-family room tal-istituzzjoni fi Brussell u spejjeż annessi” tikkostitwixxi l-ikbar parti tal-Partita 1 6 5 4. L-appropriazzjonijiet impenjati għal din il-Partita ammontaw għal total ta' EUR 4 441 145 u koprew il-kontribut tal-Parlament għall-ispejjeż kollha taċ-ċentru għat-tfal żgħar u tal-crèches esterni li magħhom ġie konkluż ftehim.
36. Għal Partita 1612 “Taħriġ Professjonali Ulterjuri”, l-appropriazzjonijiet impenjati ammontaw għal EUR 3 387 946 u koprew il-korsijiet ta' taħriġ professjonali ulterjuri, l-ispejjeż tax-xiri jew tal-produzzjoni ta' materjal pedagoġiku u l-korsijiet ta' taħriġ li jqajmu kuxjenza dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw l-opportunitajiet indaqs u l-pariri dwar karrieri. Fl-2009, il-korsijiet tal-lingwi kellhom 5 511 parteċipant u l-korsijiet tal-lingwi tal-pajjiżi terzi kellhom 265 parteċipant. Barra minn hekk, 1 771 persuna pparteċipaw f'korsijiet tal-informatika u 737 f'korsijiet ta' taħriġ fil-qasam finanzjarju. 97 aġent ipparteċipaw f'korsijiet organizzati mill-Iskola Ewropea tal-Amministrazzjoni, 5 263 f'korsijiet ta' taħriġ intern u 225 f'korsijiet esterni.
37. Fdak li jikkonċerna l-Partita 1 6 5 2 “Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins”, l-impenji ammontaw għal EUR 2 260 000. Dan l-Artikolu huwa maħsub biex ikopri l-ispejjeż ta' ġestjoni tal-użu tar-ristoranti u l-kantins. Ir-ristoranti u l-kantins servew madwar 1 266 000 klijent u l-ħanut tal-persunal madwar 174 000 klijent.


E. Kapitolu 20 “Bini u nefqiet relatati”

38. Dan il-Kapitolu jammonta għal 13 % tal-baġit 2009, li hija żieda ta' 1 % f'paragun mal-2008. Minn dan il-Kapitolu, EUR 10,1 miljun ġew trasferiti mis-sena finanzjarja 2009 għas-sena finanzjarja 2010 fuq il-bażi tal-proċedura ta' trasferiment mhux awtomatiku prevista fl-Artikolu 9 tar-Regolament Finanzjarju. Iż-żieda fil-Partita 2 0 0 0 “Kirjiet” (+7 %), fil-Partita 2 0 0 1 “Ħlasijiet ta' ċnus” (+499 %), fil-Partita 2 0 0 8 “Infiq ieħor relatat mal-bini” (+49 %, li EUR 1 miljun minnhom kienu trasferimenti mhux awtomatiċi) u l-Partita 2 0 2 2 “It-tindif u l-manutenzjoni” (+14 %) kienet kompensata minn tnaqqis fil-Partita 2 0 0 3 “Akkwist ta' bini” (EUR 9,1 miljun ta' trasferimenti mhux awtomatiċi), 2 0 0 5 “Il-konstruzzjoni ta' bini” (-55 %) u 2 0 0 7 “Sistemazzjoni fil-bini” (-20 %).

39. Id-distribuzzjoni tal-appropriazzjonijiet tal-Kapitolu 20 skont in-natura tal-ispejjeż qed tiġi preżentata skematikament fil-graff 5 hawn hawn taħt.

Graff 5

Distribuzzjoni tan-nefqa fil-Kapitolu 20




40. F'dak li jikkonċerna l-Partita 2000 "Kirjiet", l-appropriazzjonijiet impenjati ammontaw għal EUR 28 303 816 u koprew il-kiri tal-bini jew ta' partijiet tal-bini okkupati mill-Parlament kif ukoll it-taxxi tal-proprjetà. Kien hemm eċċess ta' EUR 6,27 miljun (EUR 4,85 miljun trasferiti għal Partita oħra u EUR 1,4 miljun kanċellati). Dan l-eċċess jispjega ruħu permezz tal-użu ta' dħul allokati (EUR 1,3 miljun), dewmien fl-okkupazzjoni tal-bini "President" fil-Lussemburgu, kif ukoll peress li xi kirjiet (pereżempju l-bini Schumann) ma kienux marbuta ma' indiċi jew kien hemm indiċi ta' kirjiet iżgħar milli previsti.
41. F'dak li jikkonċerna l-Partita 2007 "Sistemazzjoni fil-bini", l-appropriazzjonijiet impenjati ammontaw għal EUR 31 611 447 u koprew il-ħidmiet ta' sistemazzjoni, inklużi l-ispejjeż l-oħra marbuta ma' dawn il-ħidmiet, b'mod partikolari l-ispejjeż tal-periti jew tal-ingeniera, eċċ. Din il-Partita żdiedet għal EUR 6,7 miljun sabiex ikun possibbli b'mod partikolari t-tweġġ tal-ħidmiet tat-tneħħija tal-asbestos mill-bini fi Strasburgu (spejjeż rimborżati wara mill-belt ta' Strasburgu) u għall-bżonnijiet tal-ħidmiet ta' kisi kontra n-nirien fil-bini LOW (EUR 4 miljun), ħidmiet li deheru neċessarji waqt ir-reviżjoni tal-istrutturi ta' appoġġ tas-soqfa.

F. Kapitolu 21 "Proċessar ta' dejta, tagħmir u għamara"

42. Dan il-Kapitolu ammonta għal 7 % tal-baġit tal-2009. L-ispejjeż tal-Kapitolu 21 naqsu b'5 % f'paragun mas-sena preċedenti, tnaqqis partikolarment minħabba tnaqqis fl-Artikolu 214 "Materjal u installazzjonijiet tekniċi" (-31 %) marbut mat-tmiem iċ-ċiklu tal-investimenti awdjoviżivi fi Brussell. Iż-żieda osservata fil-Partita 2102 "Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni (+6 %) ġiet kompensata parzjalment bit-tnaqqis tal-Artikolu 212 (Għamara" (-31 %). Id-distribuzzjoni tal-infiq tidher fil-graff 6 hawn taħt.
43. F'dak li jikkonċerna l-Partita 2100 "Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni", l-appropriazzjonijiet impenjati ammontaw għal EUR 43 008 335. Dawn l-appropriazzjoni prinċipalment koprew l-infiq relatat max-xiri, il-kiri, il-produzzjoni u l-manutenzjoni tat-tagħmir u tas-softwer għall-istituzzjoni, kif ukoll l-infiq relatat mal-ħidmiet marbuta.
44. L-impenji tal-Partita 2102 "Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni" ammontaw għal EUR 41 155 588 u koprew prinċipalment l-infiq relatat max-xiri, il-kiri, il-produzzjoni u l-manutenzjoni tat-tagħmir u tas-softwer għall-istituzzjoni, kif ukoll l-infiq relatat mal-ħidmiet marbuta. Dan it-tagħmir u dan is-softwer essenzjalment hu relatat maċ-ċentru tal-ipproċessar tad-data u t-telekomunikazzjonijiet, mal-informatika fil-livell dipartimentali u fil-gruppi politiċi u mas-sistema ta' votazzjoni elettronika.
45. Il-kapaċità informatika u l-qawwa tal-ipproċessar triplaw matul il-perjodu kkonċernat. Fl-aħħar tal-2008, il-kapaċità tal-memorja kienet ta' 584 000 giga-octets (Go) f'paragun ma' 1 803 021 Go fl-aħħar tal-2009. F'dak li jikkonċerna l-qawwa tal-ipproċessar, il-kapaċità tas-sistemi informatiċi ċentrali li jipproċessaw ċerta kwantità ta' data fi żmien speċifiku żdiedet b'235 % f'paragun mas-sena preċedenti. Barra minn hekk, sabiex tkun żgurata s-sikurezza tas-sistemi ta' informazzjoni, in-numru ta' programmi ta' korrezzjoni ttestjati u integrati fin-netwerk, is-servers, is-sistemi ta' operazzjoni u l-istazzjonijiet ta' ħidma rdoppja, billi minn 899 fl-2008 tela' għal 1 886 fl-aħħar tal-2009.

Graff 6

Distribuzzjoni tan-nefqa fil-Kapitolu 21



G. Kapitolu 23 “In-nefqa amministrattiva u kurrenti”

46. Dan il-Kapitolu ammonta għal 1 % tal-baġit tal-2009. Iż-żieda ta’ 10 % irreġistrata għal dan il-Kapitolu bejn l-2008 u l-2009 tispjega ruħha prinċipalment biż-żieda fl-ispejjeż għall-Artikolu 2 3 2 “Nefqiet legali u ħsarat” (+206 %) minħabba proċeduri legali mibdija wara li sfronda b’mod parzjali s-saqaf tal-emiċiklu fi Strasburgu u ż-żieda fl-ispejjeż legali għall-proġett ta’ rinnovazzjoni u tal-estensjoni tal-bini KAD fil-Lussemburgu.
47. Id-distribuzzjoni tal-ispejjeż f’dan l-Artikolu hija kif ġej: 51 % jikkorrispondu għall-Artikolu 2 3 5 “Telekomunikazzjoni”, 19 % għall-Artikolu 2 3 0 “Kancellarja, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi”, 6 % għall-Artikolu 2 3 7 “Rilokazzjonijiet” u t-12 % li jibqa’ tqassmu bejn il-Partiti differenti l-oħra.

H. Kapitolu 30 “Laqgħat u konferenzi”

48. Dan il-Kapitolu ammonta għal 2 % tal-baġit tal-2009. L-appropriazzjonijiet fl-2009 kienu 6 % inqas minn dawk għall-2008. Dan jispjega ruħu bi tnaqqis tal-ispejjeż għall-Artikolu 3 0 0 “Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff”. Għal dan l-Artikolu, 2,7 % tal-appropriazzjonijiet inizjali ġew ikkanċellati fl-aħħar tas-sena finanzjarja barra li ntużaw EUR 3 miljun matul is-sena għal trasferimenti. Dan it-tnaqqis jispjega ruħu essenzjalment permezz tar-ritmu iktar bil-mod tal-attivitajiet matul is-sena elettorali u permezz tal-introduzzjoni ta’ regoli iktar stretti għall-ikkalkolar tal-ispejjeż tal-missjonijiet.
49. Fl-2009 kien hemm 29 384 missjoni (vjaġġi) li koprew 84 840 jum ta’ missjonijiet: il-missjonijiet fil-maġġoranza tagħhom tqassmu bejn it-tliet postijiet ta’ ħidma tal-Parlament (Brussell: 4 508 missjoni, Strasburgu 18 261 missjoni u l-Lussemburgu 2 504 missjoni).


I. Kapitolu 3 2 “L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni”

50. Il-livell tal-appropriazzjoni tal-Kapitolu 3 2 kien immarkat fl-2009 bil-kampanja ta’ informazzjoni istituzzjonali għall-elezzjonijiet Ewropej ta’ Ġunju 2009. Dan il-Kapitolu ammonta għal 7 % tal-infiq tal-baġit tal-2009. 26 % tal-appropriazzjonijiet tal-Kapitolu huma relatati mal-Partita 3 2 4 4 “L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta’ gruppi ta’ viżitaturi, il-programm Euroscola u stedinet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi”, 18 % mal-Partita 3 2 4 2 “Nefqiet għall-pubblikazzjoni, l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni f’manifestazzjonijiet pubbliċi”, 16 % mal-Partita 3 2 4 8 “In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva” u 10 % mal-Partita 3 2 2 0 “Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-librerija”.

51. Id-distribuzzjoni tan-nefqa tidher fil-graff 7.

Graff 7

Distribuzzjoni tan-nefqa fil-Kapitolu 3 2



52. Fil-livell tal-Partita 3 2 4 4 “Nefqiet għall-pubblikazzjoni, l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni fmanifestazzjonijiet pubbliċi”, l-appropriazzjonijiet impenjati ammontaw għal EUR 24 485 353 u koprew is-sussidji mogħtija fil-qafas tal-gruppi ta’ viżitaturi mistiedna mill-Membri u l-ispejjeż tas-supervizzjoni u l-infrastruttura relatata, l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-programm “Euroscola” u l-iffinanzjar tal-apprendistati għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi. Il-kanċellazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta’ din il-Partita kienu EUR 2 619 647 dovuti prinċipalment għal numru anqas minn dak previst oriġinarjament ta’ gruppi ta’ viżitaturi mistiedna mill-Membri (minħabba s-sena elettorali).

53. Għal Partita 3 2 4 2 “Nefqiet għall-pubblikazzjoni, l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni fmanifestazzjonijiet pubbliċi”, l-appropriazzjonijiet impenjati ammontaw għal EUR 16 678 677. Dawn l-appropriazzjonijiet serew b’mod partikolari biex ikopru l-ispejjeż fil-qasam tal-pubblikazzjonijiet, l-attivitajiet ta’ informazzjoni u l-parteċipazzjoni fmanifestazzjonijiet pubbliċi, fieri u wirjiet fl-Istati Membri.

54. L-impenji għall-Partita 3 2 4 8 “In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva” ammontat għal EUR 15 124 447 u kopriet l-ispejjeż marbuta mal-elementi li ġejjin:

- il-baġit operattiv tas-settur awdjoviżiv (inklużi s-servizzi li hu responsabbli għalihom u l-assistenza esterna, bħas-servizzi tekniċi għall-istazzjonijiet tar-radju u l-programmi tat-televiżjoni, il-preparazzjoni, il-produzzjoni u l-koproduzzjoni tal-programmi awdjoviżivi, il-kiri tal-linji, it-trażmissjoni tal-programmi televiżivi u tar-radju u miżuri oħra bl-għan li jiġu żviluppanti r-relazzjoijiet bejn l-istituzzjoni u l-organi tax-xandir awdjoviżiv),
- l-ispejjeż dedikati għax-xandir dirett fl-internet tas-seduti plenarji u tal-laqgħat tal-komitati parlamentari,
- l-irrekjondjar tad-dibattiti tas-seduti fuq DVD-ROM,
- il-ħolqien tal-arkivji u ta’ mutur ta’ tiftix xieraq sabiex jkun żgurat aċċess kontinwu għall-pubbliku għal din l-informazzjoni.

J. Kapitolu 40 “Nefqa relatata ma’ ċerti istituzzjonijiet u ma’ ċerti korpi”

55. Dan il-Kapitolu ammonta għal 5 % tal-infiq tal-baġit tal-2009. L-Artikolu 4 0 0 “Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi ta’ informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati” rrappreżenta 76 % mill-appropriazzjonijiet tal-Kapitolu 4 0. L-impenji għal dan l-Artikolu ammontaw għal EUR 52 337 886. Dawn l-appropriazzjonijiet kienu maħsuba biex ikopru, għall-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati:

- l-ispejjeż tas-segretarjat, dawk amministrattivi u dawk operattivi,

— l-ispejjeż marbuta mal-attivitajiet politiċi u informattivi tagħhom fil-qafas tal-attivitajiet politiċi tal-Unjoni Ewropea.

56. L-Artikolu 4 0 2 “Kontribuzzjonijiet lill-Partiti Politiċi Ewropej” u l-Artikolu 4 0 3 “Kontribuzzjoni għal Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej” irrappreżentaw 23 % tal-appropriazzjonijiet tal-Kapitolu 4 0 għal ammont totali ta’ EUR 16,8 miljun.

K. Kapitolu 42 “Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari”

57. Is-sena 2009 kienet l-ewwel sena tal-eżerċizzju baġitarju tal-applikazzjoni tal-Istatut il-ġdid tal-assistenti, għall-perjodu minn Lulju sa Diċembru. Dan il-Kapitolu ammonta għal 11 % tal-baġit tal-2009.

58. Il-Partita 4 2 2 0 “Assistenza Parlamentari” rrappreżentat 83 % tal-appropriazzjonijiet impenjati ta’ dan il-Kapitolu. L-appropriazzjonijiet impenjati għal dan l-Artikolu ammontaw għal EUR 126 946 740. Din in-nefqa kopriet is-sistema antika ta’ assistenza parlamentari (minn Jannar sa Ġunju) prevista mir-regoli dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament Ewropew u, minn Lulju 2009 ‘l quddiem, is-sistema l-ġdida tal-assistenti “lokali” previsti mill-Istatut il-ġdid tal-Membri u tal-assistenti.

59. L-assistenti akkreditati f’wieħed mit-tliet postijiet ta’ xogħol u rregolati mir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, min-naħa l-oħra, ġew iffinanzjati mill-Partita 4 2 2 4 “L-assistenti parlamentari” b’ammont ta’ EUR 26,4 miljun (il-perjodu minn Lulju sa Diċembru 2009).

L. Titolu 10 “Infiq ieħor”

60. Il-Kapitolu mdahhlu taħt din l-intestatura jinvolveja biss appropriazzjonijiet proviżorji li ma jistgħux jiġu impenjati ħlief wara trasferiment minn qabel għal Partita operattiva. Dawn it-trasferimenti ġew eżaminati fis-sezzjoni 1 ta’ dan ir-rapport. L-appropriazzjonijiet inizjali ta’ dan it-Titolu ammontaw għal EUR 36 522 592, jiġifieri 2 % tal-appropriazzjonijiet inizjali kollha. Il-bilanċ mhux attwat ammonta għal EUR 3 635 886, jiġifieri madwar 1,2 % tal-appropriazzjonijiet finali kollha fl-2009.

III. OBIETTIVI 2009 U RIŻULTATI

61. Fost l-oġġettivi segwiti mis-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew għall-2009, joħorġu b’mod partikolarment interessanti l-elementi li ġejjin dwar:

- A. il-kampanja ta’ informazzjoni għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2009 u l-attivitajiet ta’ komunikazzjoni;
- B. l-implimentazzjoni tal-Istatuti l-ġodda tal-Membri tal-assistenti;
- C. ir-riforma u l-konsolidazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament;
- D. it-thejġja għall-implimentazzjoni tat-Trattat ta’ Lisbona.

62. Ir-riżultati preżentati hawn taħt huma bbażati fuq ir-rapporti ta’ attività annwali tal-uffiċjali awtorizzanti delegati għall-2009. Għal informazzjoni iktar dettaljata dwar l-attività tad-Direttorati Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-qarrej huwa mistieden jikkonsulta r-rapporti dwar l-attività annwali.

A. L-Elezzjonijiet Ewropej tal-2009 u l-attivitajiet ta’ komunikazzjoni

63. Peress li s-sena 2009 kienet is-sena tal-elezzjonijiet Ewropej, l-attivitajiet ta’ informazzjoni u ta’ komunikazzjoni li kellhom jitwettqu matul l-ewwel semestru ġew ikkonċentrati fuq dan l-avveniment u fuq il-kampanja elettorali istituzzjonali deċiża mill-Bureau u li kellha tiġi implimentata fil-livell ċentrali bħal fl-Istati Membri kollha. L-elementi essenzjali ta’ din l-attività preżentaw ruħhom kif ġej:

- L-implimentazzjoni fil-livell ċentrali u tal-Istati Membri tal-kunċett tal-kampanja ta’ informazzjoni u ta’ komunikazzjoni adottata mill-awtoritajiet politiċi;
- Il-kooperazzjoni interistituzzjonali fid-dawl tal-elezzjonijiet, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f’dak nazzjonali;
- L-iżvilupp tal-attivitajiet kollha ta’ komunikazzjoni tad-DĠ COMM fil-perspettiva tal-elezzjonijiet;
- It-tnedija tas-sit Web Elections minn nofs Jannar 2009 ‘l quddem;

- Il-preparazzjoni u t-tweqqif tal-lejla elettorali 2009;
 - It-tħejjija u t-tnedija tas-sondaġġi dwar l-opinjoni fl-Istati Membri.
64. B'mod parallel u lil hinn mill-iskadenza ta' Ġunju 2009, id-DĠ COMM qdiet il-missjoni prinċipali tagħha, jiġifieri li tiġġenera l-ikbar kopertura possibbli tax-xandir tal-attivitajiet tal-Parlament kif ukoll li tinforma lill-pubbliku ġenerali u lill-multiplikaturi tal-opinjoni dwar l-Istituzzjoni. L-attivitajiet li ġejjin jistħoqilhom li jiġu sottolinjati:
- il-Europarl-TV: il-konsolidazzjoni tal-programmi, l-isforz tal-kummerċjalizzazzjoni, l-ilħuq ta' veloċità operattiva u l-kopertura tal-kampanja elettorali, l-ippustjar tal-kontenut fi pjattaform oħra tal-multimedia u fil-programmi tat-televiżjoni, is-sinerġija mas-sit Europarl;
 - il-ftuħ u l-iżvilupp progressiv taċ-ċentru awdjoviżiv il-ġdid fil-bini JAN;
 - l-iżvilupp ulterjuri tas-sit Europarl u l-istudju dwar l-aċċessibilità tiegħu;
 - l-implimentazzjoni tal-web-streaming ta' diversi kumitati parlamentari b'mod parallel;
 - l-organizzazzjoni u l-iżvilupp tal-avvenimenti annwali ta' komunikazzjoni bħal pereżempju: Il-Jum Internazzjonali tan-Nisa, il-Kommemorazzjoni tal-Vittmi tat-Terroriżmu, il-Jum tal-Bibien Miftuħin, il-Premju Charlemagne għaż-Żgħażagħ, il-Premju Lux, il-Premju tal-Ġurnalizzmu u l-Premju Sakharov, kif ukoll l-avvenimenti l-oħra kollha deċiżi mill-awtoritajiet politiċi;
 - il-preżentazzjoni tas-seba' leġiżlatura u l-adattament tal-prodotti kollha ta' komunikazzjoni u tal-pubblikazzjonijiet kollha għall-kompożizzjoni l-ġdida tal-Parlament;
 - il-komunikazzjoni dwar is-sessjoni kostitutiva tal-Parlament Ewropew il-ġdid, kif ukoll dwar it-tiġdid tal-Kummissjoni Ewropea u dwar is-seduti ta' smigħ tal-kummissarji kandidati;
 - il-kommemorazzjoni tal-waqgħa tal-ħajt ta' Berlin u tal-bidliet demokratiċi fl-Ewropea ċentrali u tal-Lvant.

B. L-Implimentazzjoni tal-istatut il-ġdid tal-membri u tal-assistenti

65. L-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew daħal fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2009 flimkien mar-regoli l-ġodda dwar l-assistenza parlamentari tal-Membri li ġew adottati wara l-Istatut tal-Membri. Fl-ewwel xhur tal-2009, id-DĠ Finanzi prepara l-Miżuri Implimentattivi għall-Istatut tal-assistenti kif ukoll regoli għall-assistenti lokali u għall-apprendisti tal-Membri. Il-ħidma kompliet dwar id-dispożizzjonijiet implimentattivi għall-Istatut tal-Membri u dwar ir-regoli speċifiċi għall-implimentazzjoni tal-Istatuti fil-livell amministrattiv, bħall-iskema għar-rimborż tal-ispejjeż mediċi u l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni fil-ġestjoni ta' dan, regoli speċifiċi dwar l-aspetti tar-rimborż tal-ispejjeż għall-ivvjaġġar, eċċ..
66. Minn Lulju '1 hawn, sar numru konsiderevoli ta' suġġerimenti għal modifiki mill-Membri u l-assistenti b'kunsiderazzjoni tal-esperjenzi tagħhom bl-Istatuti l-ġodda. Fil-livell amministrattiv ukoll, sar ovvju li kien hemm b'żonn iktar kjarifika jew aġġustament tar-regoli fil-livell tal-implimentazzjoni. Għalhekk, il-Bureau ddeċieda li jwaqqaf Grupp Temporanju ta' Evalwazzjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri u tal-Assistenti magħmul minn erba' Viċi Presidenti u l-Kwestur responsabbli, grupp li kien kostitwit fid-29 ta' Settembru. Il-Grupp Temporanju ta' Evalwazzjoni hu appoġġjat mis-Servizz Legli u mid-Direttorati Ġenerali kkonċernali, b'mod partikolari d-DĠ Finanzi u d-DĠ Persunal. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp Temporanju ta' Evalwazzjoni diġà rriżultaw f'sensiela ta' modifiki għall-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatuti tal-Membri u tal-Assistenti adottati mill-Bureau fil-laqgħat tiegħu tal-11 u tat-23 ta' Novembru 2009, li jirrikjedu mhux biss aġġustament tal-prattika implimentattiva attwali imma wkoll istruzzjonijiet ġodda għas-servizzi.
67. Is-servizzi tad-DĠ Finanzi, b'kooperazzjoni mad-DĠ ITEC, ħejjew l-applikazzjonijiet informatiċi meħteġa biex ikun implimentat l-Istatut kif ukoll l-adattament tal-formoli necessari għall-Membri u għall-assistenti u partimonju sħiħ ta' informazzjoni (sensiliet diversi ta' Mistoqsijiet u Tweġibiet biex jitqassmu lill-Membri, folji informattivi għall-internet u għall-websajt tad-DĠ Finance stess). L-applikazzjonijiet informatiċi għadhom mhumiex lesti kompletament (b'mod partikolari l-aspetti għas-sinkronizzazzjoni ta' applikazzjonijiet differenti u l-aspetti statistiċi għadhom neqsin), filwaqt li diġà jridu jiġu aġġustati wara d-deċiżjonijiet tal-Bureau jridu jiġu mtejbja wara l-esperjenza matul l-ewwel xhur tal-implimentazzjoni tal-Istatut.

C. Ir-riforma u l-konsolidazzjoni tas-segretarjat ġenerali tal-parlament

68. Wara l-ħatra tiegħu f'Marzu 2009, is-Segretarju Ġenerali l-ġdid propona lill-Bureau sensiela ta' miżuri ta' ristrutturazzjoni u ta' konsolidazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali. Dawn il-miżuri fil-qosor huma kif ġej:

C.1. It-tisħiħ tal-assistenza għall-kumitati u r-riorganizzazzjoni tat-Tabling Office

69. Maħluq mill-Bureau fl-2003, it-Tabling Office kien prinċipalment responsabbli biex jgħdin u jagħti pariri lill-Membri f'dak li jikkonċerna l-abbozzar tat-testi u biex jivverifika l-konsistenza ta' dawn mal-korp leġiżlattiv eżistenti. Wara leġiżlatura sħiħa operattiva, evalwazzjoni tas-sitwazzjoni u t-talbiet ripetuti tal-awtorità baġitarja li jkun hemm tisħiħ sinifikanti tal-persunal li jassisti direttament lill-Membri fil-ħidma leġiżlattiva tagħhom, deher xieraq li jkun hemm titjib operattiv tal-metodi ta' ħidma.

70. F'dan il-kuntest, fis-6 ta' Mejju 2009 l-Bureau ddeċieda li ⁽¹⁾:

- japprova t-trasferiment ta' 48 post ta' xogħol mid-dipartimenti lingwistiċi tad-Direttorat għall-Atti Leġiżlattivi lejn is-segretarjati tal-kumitati parlamentari tad-DĠ IPOL u d-DĠ EXPO;
- jittrasferixxi l-Unità tal-Ilqigħ u r-Referenza tad-Dokumenti Uffiċjali u l-Unità tad-Depożitu tad-Dokumenti lejn id-Direttorat għas-Seduta Plenarja;
- li jstabbilixxi strument ta' pplanar leġiżlattiv fi ħdan l-aġent Segretarju Ġenerali billi 8 postijiet ta' xogħol AD u 4 postijiet ta' xogħol AST jiġu trasferiti mid-Direttorat għall-Atti Leġiżlattivi għall-Unità tal-Programmazzjoni tas-Seduta Plenarja li qabel kienet tagħmel parti mid-Direttorat għas-Seduta Plenarja.

C.2. Il-ħolqien ta' Direttorat għal-Librerija u l-Ġestjoni Dokumentarja

71. Barra l-ewwel ristrutturazzjoni li kienet tikkonċerna t-Tabling Office u t-tisħiħ tal-istrutturi tal-kumitati parlamentari, il-Bureau, fid-dawl ta' assistenza ikbar għall-Membri, beda wkoll l-implimentazzjoni ta' struttura speċifika dedikata għall-ġestjoni tad-dokumenti. Din l-istruttura tinvolvi b'mod partikolari sistema ottimizzata ta' ġestjoni tal-għarfien, li l-awtorità baġitarja wkoll kienet qed titlob.

72. Il-Bureau tas-16-17 ta' Ġunju 2009 b'hekk iddeċieda li ⁽²⁾:

- jittrasferixxi s-segretarjati responsabbli mir-reġistru pubbliku u mill-aċċess għad-dokumenti, mill-posta uffiċjali, miċ-ċentru tal-arkivji u tad-dokumentazzjoni għall-Unità tal-Korrispondenza maċ-Ċittadini fid-Direttorat li kienet tagħmel parti minnu l-librerija u li minħabba f'hekk ingħata l-isem il-ġdid ta' Direttorat għal-Librerija u l-Ġestjoni Dokumentarja;
- jittrasferixxi l-amministrazzjoni tas-Segretarjat tal-Bureau, tal-Konferenza tal-Presidenti u tal-Kulleġġ tal-Kwesturi fi ħdan is-Segretarju Ġenerali, filwaqt li l-Unità tal-Protokoll ġiet rilokata fi ħdan l-aġent Segretarju Ġenerali.

C.3. Sigurtà adatta għall-missjoni tal-Parlament

73. Fid-dawl tad-dilemma tradizzjonali għall-Parlament, jiġifieri l-fatt li s-sigurtà tmur kontra l-aċċessibilità, u b'kunsiderazzjoni tal-isfidi l-ġodda bħall-ippjanar tal-miżuri ta' urġenza, il-ġestjoni tal-kontinwità tal-attivitajiet, l-appoġġ lid-delegazzjonijiet, l-evalwazzjoni ġenerali u permanenti tar-riskji, deher neċessarju li jissaħħu xi strutturi li, mill-addozzjoni tal-miżuri wara l-attentati tal-11 ta' Settembru 2001, f'it li xejn evolwew.

⁽¹⁾ Nota tal-Bureau tat-30 ta' April 2009 PE422 005/BUR.

⁽²⁾ Nota tal-Bureau tas-16 ta' Ġunju 2009 PE426 212/BUR/REV.

74. Barra minn hekk, fil-laqgħa tiegħu tal-1 ta' April 2009, il-Bureau ⁽¹⁾ ddeċieda li jtejjeb is-servizzi ta' sigurtà tiegħu u li jikkostitwixxi Direttorat ġdid għas-Sigurtà u l-Evalwazzjoni tar-Riskju fi ħdan id-DĠ PRES li l-istruttura tiegħu ġiet riorganizzata radikalment. B'mod partikolari, l-unitajiet il-ġodda huma organizzati:

- f'żewġ unitajiet responsabbli mis-sigurtà operattiva, jiġifieri l-Unità tas-Sigurtà Ġenerali u l-Unità tal-Akkreditament;
- f'żewġ unitajiet responsabbli mis-sigurtà organizzattiva, jiġifieri l-Unità tal-Istħarriġ, il-Kontinwità tal-Attivitajiet u l-Protezzjoni tad-Data u l-Unità tal-Ġestjoni tar-Riskju u l-Konsulenza Teknika.

C.4. L-adattament tal-istrutturi ta' komunikazzjoni għall-ambizzjonijiet il-ġodda

75. Wara riforma ambizzjuża li saret fl-2004 u li kellha suċċess, is-settur tal-komunikazzjoni għandu jiffaċċa eżiġenzi ġodda u modifika tal-ambjent istituzzjoni li se jgħib id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Barra minn hekk, ir-reviżjoni li għadha trid titwettaq tal-aħħar kampanja għall-elezzjonijiet Ewropej għandha twassal għal konklużjonijiet simili. B'hekk, biex jitqiesu l-isfidi l-ġodda, deher neċessarju li jiġi adottat approċċ integrat tal-komunikazzjoni, li jiġi żviluppat l-għarfien espert politiku, li jitjiebu s-servizzi lill-mezzi tax-xandir u li jiġu żviluppati prodotti fl-internet.

76. Għal dan il-għan, il-Bureau tat-18/06/2009 ⁽²⁾ għamel ċerti modifiki lill-organizzazzjoni interna tad-DĠ COMM. Dawn kienu jikkonsistu essenzjalment:

- fi strukturazzjoni ġdida tal-Unità tal-Istampa fid-dipartimenti tal-komunikazzjoni u l-organizzazzjoni tal-Unità tal-Komunikazzjoni bl-Internet (web communication) fis-servizzi tematiċi tal-istruttura tad-dipartimenti differenti eżistenti fid-DĠ IPOL u DĠ EXPO sabiex tkun iffaċilitata l-kooperazzjoni bejn dawn is-servizzi u sabiex tiġi stabbilita kompetenza bbażata fuq il-kontenut;
- fil-ħolqien ta' kunsill tal-ippjanar tal-komunikazzjoni, li fi ħdanu ta' kull xahar jiltaqgħu rappreżentanti mid-DĠ COMM, DĠ PRES, DĠ IPOL u DĠ EXPO, sabiex joffru lill-Parlament mekkaniżmu li jagħmilha possibbli li jiġu integrati minn isfel għal fuq id-dimensjoni tal-komunikazzjoni tal-prijoritajiet u l-attivitajiet leġiżlattivi u politiki tal-istituzzjoni;
- fit-trasformazzjoni tal-Unità antika "Sala tal-Istampa" fl-Unità tal-Istampa permezz ta' miżuri maħsuba biex jiżviluppaw iktar l-għarfien espert sabiex il-fajls leġiżlattivi u politiki jkunu koperti aħjar fl-istadji kollha tal-proċedura, li hija eżiġenza li kabret iktar wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona;
- fit-trasformazzjoni tal-Unità antika "Abbozzar u Xandir" fl-Unità tas-Servizzi u s-Segwitu tal-Midja, li l-ħidmiet ċentrali tagħha huma organizzati bejn il-koordinazzjoni tal-uffiċjali tal-istampa bbażati fl-uffiċċji ta' informazzjoni fl-Istati Membri u l-organizzazzjoni tas-servizz ta' tagħrif dwar il-midja;
- fit-tisħiħ tas-settur tal-patroċinju, li jagħmel parti mid-Direttorat għall-Uffiċċji tal-Infurmazzjoni, biex ikun ġestit b'mod iktar effikaċi, u f'relazzjoni mal-uffiċċji ta' informazzjoni, it-talbiet għall-patroċinju parlamentari għal inizjattivi mibdija minn partijiet terzi.

C.5. Ġestjoni iktar attiva tar-riżorsi umani

77. Matul dawn l-aħħar ħames snin, ir-riżorsi tad-DĠ PERS ġew mobilizzati bis-saħħa biex jiffaċċaw l-applikazzjoni tal-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda u biex ikun ġestit it-tkabbir li kellha l-istituzzjoni u li ma kellux preċedent. Wara dan il-perjodu ta' adattament, l-istabbiltà relattiva attwali għamlitha possibbli li, b'effett mill-01/01/2010, tibda riorganizzazzjoni li l-objettiv tagħha hu l-ġestjoni iktar attiva tar-riżorsi umani tal-Parlament.

78. Ir-riorganizzazzjoni ⁽³⁾ adottata mill-Bureau b'hekk għandha l-għan li:

- toħloq sinerġiji bejn l-unitajiet kollha involuti fil-ġestjoni tar-riżorsi umani;

⁽¹⁾ Nota tal-Bureau tat-18 ta' Marzu 2009 PE421 838/BUR.

⁽²⁾ Nota tal-Bureau tal-15 ta' Ġunju 2009 PE426 211/BUR.

⁽³⁾ Nota tal-Bureau tat-18 ta' Ġunju 2009 PE421 837/BUR.

- tiżgura l-applikazzjoni ġuridikament affidabbli tad-dispożizzjonijiet statutorji u ġestjoni finanzjarja ottimizzata b'konformità mar-Regolament Finanzjarju;
- tistabbilixxi punti ta' kuntatt fi Brussell u fil-Lussemburgu bħala punti ta' aċċess għal kwalunkwe ħtieġa għall-persunal kollu;
- iżżid iċ-ċarezza u l-koerenza permezz ta' struttura bi tliet Direttorati, meta mqabbla mat-tnejn preċedenti. Dawn id-Direttorati se jkunu responsabbli rispettivament mill-iżvilupp tar-riżorsi umani, tal-ġestjoni tal-ħajja amministrattiva, u fl-aħħar nett mill-ġestjoni tas-servizzi ta' appoġġi u servizzi soċjali.

C.6. Ir-ristrutturazzjoni tad-Direttorat Ġenerali INLO

79. L-inċident tas-saqaf tal-emiċiklu fi Strasburgu f'Awwiisu 2008, il-kobor tal-ammont tal-bini ġestit u l-ħtieġa li jkun hemm pjan wiesa' ta' tiġdid tal-bini li l-Parlament sar proprjetarju ta' tagħhom matul l-aħħar ħmistax-il sena fformaw raġunijiet biżżejjed biex l-istruttura u r-riżorsi tad-DG INLO jiġu adattati fundamentalment.
80. Il-Bureau ⁽¹⁾ b'hekk, waqt il-laqgħa tiegħu tal-01/04/09, iddeċieda dwar pjan wiesa' ta' ristrutturazzjoni u ta' tisħiħ tar-riżorsi umani mqassam fuq is-snin mill-2010 sal-2012. Din l-operazzjoni fil-qosor hi kif ġej:
- ir-ristrutturazzjoni u t-tisħiħ tad-**Direttorat għall-Infrastruttura**. Ir-riorganizzazzjoni tikkonsisti mill-ħolqien ta' 3 unitajiet dedikati għall-ġestjoni u l-manutenzjoni tal-bini f'kull sit, u 2 unitajiet għall-ġestjoni, rispettivament fi Brussell u fil-Lussemburgu, tal-proġetti l-ġodda tal-bini li qed jitwettqu bħalissa u li għad iridu jitwettqu; bħala total dan id-Direttorat għandu jibbenefika minn tisħiħ ta' 29 post ta' xogħol ġdid fi tliet snin finanzjarji;
 - ir-ristrutturazzjoni u t-tisħiħ tas-**servizzi ċentrali**. Ir-ristrutturazzjoni tiffoka fuq il-ħolqien ta' żewġ unitajiet ġodda fil-livell ċentrali, responsabbli rispettivament għall-ippjanar u l-kontroll tal-baġit u għall-kuntratti pubbliċi u l-kuntratti tad-DG; 15 il-post ta' xogħol ġdid (fi tliet snin finanzjarji) huma previsti f'dan is-settur.
 - it-tisħiħ tad-**Direttorat għal-Loġistika**, essenzjalment permezz tal-ħolqien ta' 5 postijiet ta' xogħol, ukoll mifrux fuq 3 snin finanzjarji.

C.7. Ristrutturazzjonijiet oħra

81. Fl-aħħar nett, bħala ħarsa kompluta lejn ir-ristrutturazzjonijiet deċiżi, għandhom jissemew:
- il-modifiki tal-allokkazzjoni ta' resposabilitajiet bejn id-Direttorati tas-Servizz Legali;
 - l-aġġustamenti li saru fi ħdan id-DG EXPO sabiex ikun hemm użu iktar razzjonali tar-riżorsi u sabiex ikun evitat li l-istess żona ġeografika tkun koperta minn diversi strutturi;
 - ir-rabta tas-servizzi tal-Awditur Intern mas-Segretarju Ġenerali.

D. Il-preparazzjonijiet fid-dawl tat-trattat ta' Lisbona

82. Wara l-“le” tal-ewwel referendum Irlandiż dwar it-Trattat ta' Lisbona, il-proċess ta' preparazzjoni tal-amministrazzjoni ġie sospiż, fl-istennija ta' konsultazzjoni ġdida u ta' ratifikazzjoni definittiva.
83. Malli r-ratifikazzjoni saret, il-Parlament għamel l-arranġamenti neċessarji biex jeżerċita r-responsabilitajiet u l-prerrogattivi l-ġodda previsti mit-Trattat. Għal dan il-għan, inbdiet proċedura ta' baġit ta' emenda għas-sena finanzjarja 2010 permezz tal-adozzjoni tal-abbozz ta' estimi proviżorji mill-Bureau f'Diċembru 2009.

⁽¹⁾ Nota tal-Bureau tat-18 ta' Marzu 2009 PE421 749/BUR

ANNEX I

RENDIKONT TAT-TRASFERIMENTI "C" MATUL IS-SENA FINANZJARJA 2009

(f'EUR)

Nru	Mill-/Għall-Kapitolu/ Artikolu/Partita	Numru tal-Kapitolu/ Artikolu/Partita	Isem il-Kapitolu/Artikolu/Partita	Partita kreditata Ammont	Partita debitata Ammont
C1	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 0	Approprijazzjonijiet proviżorji		2 700 000
	għall-Kapitolu	2 0			
	għall-Partita	2 0 0 7/02	Sistemazzjoni fil-bini: Strasburgu	2 700 000	
C2	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 1	Riserva ta' kontinġenza		800 000
	għall-Kapitolu	2 3			
	għall-Partita	2 3 2 0/01	Nefqiet legali u ħsarat: Nefqiet legali	800 000	
C3	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 0	Approprijazzjonijiet proviżorji		112 992
	għall-Kapitolu	1 2			
	għall-Partita	1 2 0 0	Rimunerazzjoni u allowances	112 992	
C5	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 1	Riserva ta' kontinġenza		822 000
	għall-Kapitolu				
	għall-Partita	2 1 0 0/04	Xiri, xogħlijiet, servisjar u manutenzjoni tat-tagħmir u tas-software: xiri, servisjar u manutenzjoni tat-tagħmir u tas-software Streamline	527 000	
għall-Partita	2 1 0 2/07	Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni: assistenza esterna għall-proġett Streamline.	295 000		
C6	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 0	Approprijazzjonijiet proviżorji		1 200 000
	għall-Kapitolu	1 4			
	għall-Partita	1 4 2 0/02	Servizzi esterni: servizzi oħra ta' traduzzjoni u ttajppjar	1 200 000	
C7	mill-Kapitolu	4 2			
	mill-Partita	4 2 2 0	Assistenza parlamentari		140 000
	għall-Kapitolu	1 6			
għall-Partita	1 6 1 0	Spejjeż għar-reklutaġġ	140 000		
C8	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 1	Riserva ta' kontinġenza		2 080 000
	għall-Kapitolu	2 0			
	għall-Partita	2 0 2 6/01	Sigurtà u sorveljanza tal-bini: Lussemburgu	785 000	
	għall-Partita	2 0 2 6/02	Sigurtà u sorveljanza tal-bini: Strasburgu	685 000	
għall-Partita	2 0 2 6/03	Sigurtà u sorveljanza tal-bini: Brussell	610 000		
C10	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 0	Approprijazzjonijiet proviżorji		591 000
	għall-Kapitolu	1 2			
	għall-Partita	1 2 0 0	Rimunerazzjoni u allowances	591 000	

(f'EUR)

Nru	Mill-/Għall-Kapitolu/ Artikolu/Partita	Numru tal-Kapitolu/ Artikolu/Partita	Isem il-Kapitolu/Artikolu/Partita	Partita kreditata Ammont	Partita debitata Ammont
C11	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 1	Riserva ta' kontinġenza		240 000
	għall-Kapitolu	3 0			
	għall-Partita	3 0 4 4	Nefqiet varji għall-organizzazzjoni tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO u laqgħat oħra tad-delegazzjonijiet interparlamentari, tad-delegazzjonijiet ad hoc u tad-WTO	240 000	
C13	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 1	Riserva ta' kontinġenza		95 000
	għall-Kapitolu	3 2			
	għall-Partita	3 2 4 5/04	L-organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivita- jiet kulturali: appoġġ tal-multilingwiżmu	95 000	
C14	mill-Kapitolu	4 2			160 000
	mill-Partita	4 2 2 0	Assistenza parlamentari		
	għall-Kapitolu	1 6			
	għall-Partita	1 6 1 0	Spejjeż tar-reklutaġġ	160 000	
C16	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 1	Riserva ta' kontinġenza		1 273 900
	għall-Kapitolu	2 0			
	għall-Partita	2 0 2 2/01	It-tindif u l-manutenzjoni: Lussemburgu	245 039	
	għall-Partita	2 0 2 2/02	It-tindif u l-manutenzjoni: Strasburgu	228 384	
	għall-Partita	2 0 2 2/03	It-tindif u l-manutenzjoni: Brussell	800 477	
C17	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 5	Approprijazzjonijiet proviżorji għall-bini		9 374 099
	mid-dħul riċevut	2 0 0 3	Akkwist ta' bini		22 516 901
	għall-Kapitolu	2 0			
	għad-dħul riċevut	2 0 0 1	Ħlasijiet ta' ċnus	22 516 901	
	għall-Partita	2 0 0 1/03	Ħlasijiet ta' ċnus: Brussell	9 374 099	
C19	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 1	Riserva ta' kontinġenza		1 247 715
	għall-Kapitolu	1 0	Membri tal-istituzzjoni		
	għall-Partita	1 0 0 6	Allowance għan-nefqa ġenerali	1 247 715	
C20	mill-Kapitolu	1 4	Ħaddiema oħra u servizzi esterni		1 000 000
	mill-Partita	1 4 0 4/03	Apprentistati, għotjiet u skambji ta' uffiċjali: tqegħid tal-persunal għad-dispożizzjoni mill-isti- tuzzjoni u mis-settur pubbliku		
	mill-Partita	1 4 2 0/01	Servizzi esterni: traduzzjoni tal-minuti verbatim		1 000 000
	mill-Kapitolu	3 0	Laqgħat u konferenzi		
	mill-Partita	3 0 0 0/01	Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff: sessjonijiet, kunitati jew delegazzjonijiet tagħhom, gruppi poli- tiċi u oħrajn		3 000 000
	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 1	Riserva ta' kontinġenza		2 000 000
għall-Kapitolu	1 2	Uffiċjali u aġenti temporanji			
għall-Partita	1 2 0 0	Rimunerazzjoni u allowances	7 000 000		

(€EUR)

Nru	Mill-/Għall-Kapitolu/ Artikolu/Partita	Numru tal-Kapitolu/ Artikolu/Partita	Isem il-Kapitolu/Artikolu/Partita	Partita kreditata Ammont	Partita debitata Ammont
C22	mill-Kapitolu	2 1	Proċessar ta' dejta, tagħmir u għamara: xiri, kiri u manutenzjoni		
	mill-Partita	2 1 2 0/01	Għamara: tagħmir tal-uffiċċju		1 000 000
	mill-Kapitolu	3 2	L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni		
	mill-Partita	3 2 4 0	Il-Ġurnal Uffiċjali		600 000
	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 8	Riserva tal-EMAS		250 000
	għall-Kapitolu	2 1	Proċessar ta' dejta, tagħmir u għamara: xiri, kiri u manutenzjoni		
	għall-Partita	2 1 0 2/01	Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni: assistenza tal-infrastruttura	1 850 000	
C23	fi ħdan il-Kap.	1 0	Membri tal-istituzzjoni		
	mill-Partita	1 0 9	Approprijazzjoni proviżorja maħsuba biex tkopri l-allowances tal-Membri tal-istituzzjoni		350 000
	mill-Partita	1 0 3 3	Skemi ta' pensjonijiet volontarji għall-Membri		2 200 000
	għall-Partita	1 0 0 0	Allowances	350 000	
	għall-Partita	1 0 1 2	Miżuri speċifiċi għall-benefiċċju tal-Membri Parlamentari li għandhom diżabilità u tat-tfal tal-Membri li għandhom diżabilità	100 000	
	għall-Partita	1 0 2	Allowances tranżitorji	2 100 000	
C24	mill-Kapitolu	Kap. 1 0 5	Approprijazzjonijiet proviżorji għall-bini		10 100 000
	għall-Kapitolu	2 0	Bini u nefqiet relatati		
	għall-Partita	2 0 0 3	Akkwist ta' bini	9 100 000	
	għall-Partita	2 0 0 8	Infiq ieħor relatat mal-bini	1 000 000	
Total tal-ammonti trasferiti tat-tip C				64 853 607	64 853 607

ANNEX 2

RENDIKONT TAT-TRASFERIMENTI GĦALL-EŻERĊIZZJU "P" TAL-2009

(f'EUR)

Nru	Kapitolu/Artikolu/Partita		Ammont
P1	Fi ħdan l-Artikolu 4 2 0		
	mill-partita	4 2 2 0 Assistenza Parlamentari	- 10 500 000
	għall-partita	4 2 2 4 L-assistenti parlamentari	10 500 000
P2	Fi ħdan l-Artikolu 1 2 2		
	mill-partita	1 2 2 2 Allowances għal staff li l-impjeg tagħhom jitwaqqaf u skema speċjali għall-irtirar għall-uffiċjali u aġenti temporanji	- 360 000
	għall-partita	1 2 2 0 Allowance fil-każ ta' irtirar kmieni mix-xogħol fl-interess tas-servizz	360 000
P3	Fi ħdan l-Artikolu 3 0 4		
	mill-partita	3 0 4 0 Nefqiet varji għal laqgħat interni	- 25 000
	għall-partita	3 0 4 7 Nefqiet varji għall-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Assemblea Parlamentari EUROLAT	25 000
P4	Fi ħdan l-Artikolu 4 2 2		
	mill-partita	4 2 2 0 Assistenza Parlamentari	- 18 250 000
	għall-partita	4 2 2 4 L-assistenti parlamentari	18 250 000
P5	Fi ħdan l-Artikolu 3 2 4		
	mill-partita	3 2 4 8/01 In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva: koproduzzjoni u xandir ta' programmi awdjoviżivi	- 300 000
	għall-partita	3 2 4 2/01 Nefqiet għall-pubblikazzjoni, l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni fmanifestazzjonijiet pubbliċi; pubblikazzjonijiet, azzjonijiet ta' informazzjoni, avvenimenti pubbliċi	250 000
	għall-partita	3 2 4 2/02 Nefqiet għall-pubblikazzjoni, l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni fmanifestazzjonijiet pubbliċi: informazzjoni elettronika (Internet)	50 000
P6	Fi ħdan l-Artikolu 3 2 4		
	mill-partita	3 2 4 0 Il-Ġurnal Uffiċjali	- 780 000
	għall-partita	3 2 4 1/01 Pubblikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali Edizzjoni	780 000
P7	Fi ħdan l-Artikolu 1 0 0		
	mill-partita	1 0 0 5 Spejjeż oħra għall-vjaġġi	- 600 000
	għall-partita	1 0 0 4 Spejjeż għall-vjaġġi regolari	600 000
P8	Fi ħdan l-Artikolu 2 0 0		
	mill-partita	2 0 0 0/03 Kirjiet: Brussell	- 850 000
	għall-partita	2 0 0 8 Infiq ieħor relatat mal-bini	850 000
P9	Fi ħdan l-Artikolu 2 0 0		
	mill-partita	2 0 0 0/01 Kirjiet: Il-Lussemburgu	- 4 000 000
	għall-partita	2 0 0 7/02 Sistemazzjoni fil-bini: Strasburgu	4 000 000
Total tal-ammont tat-trasferimenti P			35 665 000

ANNEX III

IMPLIMENTAZZJONI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET 2009

Artikolu/Partita	Titolu	Appropriazzjonijiet inizjali	Trasferiment	Appropriazzjonijiet finali	Impenji	% ta' użu
1 000	Allowances	30 823 000	350 000	31 173 000	30 601 983	98
1 004	Spejjeż għall-vjaġġi regolari	77 988 000	600 000	78 588 000	64 968 672	83
1 005	Spejjeż oħra għall-vjaġġi	6 875 000	- 600 000	6 275 000	1 874 929	30
1 006	Allowance għan-nefqa ġenerali	41 539 000	1 247 715	42 786 715	42 629 278	100
1 007	Allowances	170 000	—	170 000	169 748	100
1 010	Polza ta' assikurazzjoni kontra l-inċidenti, il-mard u ħlasijiet oħra tas-sigurtà soċjali	2 851 000	—	2 851 000	2 557 022	90
1 012	Miżuri speċifiċi għall-benefiċċju tal-Membri Parlamentari li għandhom diżabilità u tat-tfal tal-Membri li għandhom diżabilità	141 000	100 000	241 000	77 328	32
1 02	Allowances Tranżitorji	3 875 000	2 100 000	5 975 000	5 456 757	91
1 030	Pensjonijiet	10 638 000	—	10 638 000	9 583 362	90
1 031	Pensjonijiet tad-diżabilità	517 000	—	517 000	383 595	74
1 032	Pensjonijiet tar-romol	2 857 000	—	2 857 000	2 690 744	94
1 033	Skemi ta' pensjonijiet voluntarji għall-Membri	9 148 000	- 2 200 000	6 948 000	6 433 924	93
1 05	Korsijiet tal-lingwi u l-informatika	900 000	—	900 000	525 000	58
1 08	Riserva EMAS	100 000	—	100 000	—	0
1 090	Appropriazzjoni proviżorja maħsuba biex tkopri l-allowances tal-Membri tal-istituzzjoni	2 000 000	- 350 000	1 650 000	—	0
1 200	Remunerazzjoni u Allowances	493 145 938	7 703 992	500 849 930	494 054 418	99
1 202	Sahra mħallsa	410 000	—	410 000	350 000	85
1 204	Drittijiet marbuta mad-dħul fis-servizz, trasferimenti jew tluq mis-servizz	4 520 000	—	4 520 000	3 520 000	78
1 220	Allowance fil-każ ta' irtirar kmieni mix-xogħol fl-interess tas-servizz	630 000	360 000	990 000	917 369	93
1 222	Allowances għal staff li l-impjeg tagħhom jitwaqqaf u skema speċjali għall-irtirar għall-uffiċjali u aġenti temporanji	3 950 000	- 360 000	3 590 000	3 347 076	93
1 24	Appropriazzjoni proviżorja	—	—	—	—	—
1 400	Aġenti oħra	25 807 000	—	25 807 000	24 230 465	94
1 402	Interpreti għall-konferenzi	45 600 000	—	45 600 000	43 273 028	95
1 404	Apprentistati, għotjiet u skambji ta' uffiċjali	8 091 000	- 1 000 000	7 091 000	6 068 983	86
1 406	Osservaturi	—	—	—	—	—

Artikolu/Partita	Titolu	Approprijazzjonijiet inizjali	Trasferiment	Approprijazzjonijiet finali	Impenji	% ta' użu
1407	Allowance ta' taħriġ (programm ta' apprendistat tal-Parlament Ewropew)	—	—	—	—	—
142	Servizzi esterni	21 566 000	200 000	21 766 000	17 362 350	80
1440	Approprijazzjoni proviżorja	—	—	—	—	—
1610	Spejjeż għar-reklutaġġ	385 000	300 000	685 000	685 000	100
1612	Taħriġ Professjonali Ulterjuri	3 940 000	—	3 940 000	3 387 946	86
1613	Taħriġ Professjonali Ulterjuri Spejjeż ta' missjonijiet	1 580 000	—	1 580 000	1 257 000	80
1630	Servizzi soċjali	573 900	—	573 900	516 822	90
1631	Mobilità	189 000	—	189 000	186 383	99
1632	Relazzjonijiet soċjali bejn il-membri tal-istaff u miżuri soċjali oħra	310 000	—	310 000	287 888	93
1650	Servizzi Mediċi	1 000 000	—	1 000 000	997 557	100
1652	Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins	2 260 000	—	2 260 000	2 260 000	100
1654	Ċentri għat-tfal żgħar u skejjel materni approvati	5 467 000	—	5 467 000	4 441 145	81
2000	Kirjiet	34 577 000	- 4 850 000	29 727 000	28 303 816	95
2001	Ħlasijiet ta' ċnus	5 700 000	9 374 099	15 074 099	14 636 040	97
2003	Akkwist ta' bini	—	9 100 000	9 100 000	—	0
2005	Il-kostruzzjoni ta' bini	3 870 000	—	3 870 000	3 859 764	100
2007	Sistemazzjoni fil-bini	25 232 000	6 700 000	31 932 000	31 611 447	99
2008	Infiq ieħor relatat mal-bini	12 348 000	1 850 000	14 198 000	13 066 707	92
2022	It-tindif u l-manutenzjoni	33 560 000	1 273 900	34 833 900	34 464 155	99
2024	Konsum tal-enerġija	19 096 500	—	19 096 500	16 917 601	89
2026	Sigurtà u sorveljanza tal-bini	37 000 000	2 080 000	39 080 000	38 478 371	98
2028	Assikurazzjoni	1 575 000	—	1 575 000	1 563 320	99
2100	Tagħmir u softwer għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	42 610 000	527 000	43 137 000	43 008 335	100
2102	Assistenza esterna għat-teknoloġiji tal-informatika u tal-innovazzjoni	39 343 000	2 145 000	41 488 000	41 155 588	99
212	Għamara	3 544 000	- 1 000 000	2 544 000	2 508 568	99
214	Materjal u installazzjonijiet tekniċi	17 550 000	—	17 550 000	14 526 966	83
216	Vetturi	5 851 000	—	5 851 000	4 880 606	83
230	Kanċellerija, provvisti għall-uffiċċju u oġġetti għall-konsum diversi	2 321 000	—	2 321 000	2 098 027	90
231	Tariffi finanzjarji	820 000	—	820 000	318 976	39

Artikolu/Partita	Titolu	Approprjazzjonijiet inizjali	Trasferiment	Approprjazzjonijiet finali	Impenji	% ta' użu
232	Nefqiet legali u ħsarat	540 700	800 000	1 340 700	1 318 036	98
235	Telekomunikazzjoni	6 593 000	—	6 593 000	5 529 694	84
236	Servizzi postali u ta' ġarr	614 000	—	614 000	330 501	54
237	Rilokazzjonijiet	1 000 000	—	1 000 000	656 863	66
238	Nefqiet amministrattivi oħra	636 000	—	636 000	526 603	83
300	Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff	24 300 000	- 3 000 000	21 300 000	20 650 000	97
302	Nefqiet għad-divertiment u għar-rappreżentanza	1 070 000	—	1 070 000	769 156	72
3040	Nefqiet varji għal laqgħat interni	2 900 000	- 25 000	2 875 000	2 124 976	74
3042	Laqgħat, kungressi u konferenzi	1 260 000	—	1 260 000	868 097	69
3044	Nefqiet varji għall-organizzazzjoni tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO u laqgħat oħra tad-delegazzjonijiet inter-parlamentari, tad-delegazzjonijiet ad hoc u tad-WTO	390 000	240 000	630 000	353 756	56
3046	Nefqiet varji għall-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-Assemblea Parlamentari konġunta ACP-UE	478 000	—	478 000	185 766	39
3047	Nefqiet varji għall-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-Assemblea Parlamentari Eurolat	38 000	25 000	63 000	42 493	67
3048	Nefqiet varji għall-organizzazzjoni tal-Assemblea Parlamentari Euromed	40 000	—	40 000	24 796	62
3049	Nefqa għall-aġenziji tal-ivjaġġar	1 223 000	—	1 223 000	1 223 000	100
320	Akkwist tal-opinjoni tal-esperti	7 198 000	—	7 198 000	6 080 997	84
3220	Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-librerija	4 301 300	—	4 301 300	3 512 010	82
3222	Nefqiet għall-arkivjar	1 830 000	—	1 830 000	1 755 947	96
323	Relazzjonijiet mal-parlamenti ta' pajjiżi terzi u appoġġ għad-demokrazzija parlamentari	367 000	—	367 000	310 311	85
3240	Il-Ġurnal Uffiċjali	8 320 000	- 1 380 000	6 940 000	6 939 096	100
3241	Pubblikazzjonijiet diġitali u tradizzjonali	2 100 000	780 000	2 880 000	2 749 099	95
3242	Nefqiet għall-pubblikazzjoni, l-informazzjoni u l-parteċipazzjoni fmanifestazzjonijiet pubbliċi	16 835 000	300 000	17 135 000	16 678 677	97
3243	Iċ-Ċentru għall-Viżitaturi	3 900 000	—	3 900 000	3 897 237	100
3244	L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta' gruppi ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stedinet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi	27 105 000	—	27 105 000	24 485 353	90

Artikolu/Partita	Titolu	Approprijazzjonijiet inizjali	Trasferiment	Approprijazzjonijiet finali	Impenji	% ta' użu
3 2 4 5	L-organizzazzjoni ta' symposia, seminars u attivitajiet kulturali	1 930 000	95 000	2 025 000	1 790 335	88
3 2 4 6	L-istazzjon televiżiv Parlamentari (Web TV)	9 000 000	—	9 000 000	8 787 767	98
3 2 4 7	In-nefqa għall-informazzjoni dwar id-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa	—	—	—	—	—
3 2 4 8	In-nefqa għall-informazzjoni awdjoviżiva	16 200 000	- 300 000	15 900 000	15 124 447	95
3 2 4 9	Skambji ta' informazzjoni mal-Parlamenti nazżjonali	1 200 000	—	1 200 000	561 657	47
3 2 5	In-Nefqa relatata mal-Uffiċċji tal-Infommazzjoni	1 110 000	—	1 110 000	974 747	88
4 0 0	Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitajiet politiċi ta' informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati	52 690 000	—	52 690 000	52 337 886	99
4 0 2	Kontribuzzjonijiet favur il-partiti politiċi Ewropej	10 858 000	—	10 858 000	10 512 377	97
4 0 3	Kontribuzzjoni għal Fondazzjonijiet Poli- tiċi Ewropej	7 000 000	—	7 000 000	6 365 561	91
4 2 2 0	Assistenza parlamentari	184 767 000	- 29 050 000	155 717 000	126 946 740	82
4 2 2 2	Differenzi tal-kambju	500 000	—	500 000	—	0
4 2 2 4	Assistenti parlamentari	—	28 750 000	28 750 000	26 411 690	92
4 4 0	In-nefqa għal-laqqhat u għal attivitajiet oħra tal-ex Membri Parlamentari	170 000	—	170 000	170 000	100
4 4 2	In-nefqa għal-laqqhat u attivitajiet oħra tal-Assozjazzjoni Parlamentari Ewropea	140 000	—	140 000	140 000	100
Kapitolu 1 0 0	APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI	5 003 992	- 4 603 992	400 000	—	0
Kapitolu 1 0 1	RISERVA GĦALL-IMPREVISTI	10 018 600	- 8 558 615	1 459 985	—	0
Kapitolu 1 0 3	RISERVA GĦAT-TKABBIR	500 000	—	500 000	—	0
Kapitolu 1 0 4	RISERVA GĦALL-POLITIKA TAL-INFOR- MAZZJONI U TAL-KOMUNIKAZZJONI	—	—	—	—	—
Kapitolu 1 0 5	APPROPRJAZZJONI PROVIŻORJA GĦALL-BINJIET	20 000 000	- 19 474 099	525 901	—	0
Kapitolu 1 0 8	RISERVA EMAS	1 000 000	- 250 000	750 000	—	0
Total		1 529 970 930	—	1 529 970 930	1 417 629 732	93

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, b'ħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

